

X'inhu n-NĠE (f'materji ċivili u kummerċjali)?

L-Unjoni Ewropea għandha varjetà wiesgħa ta' sistemi legali nazzjonali, u din id-diversità, flimkien ma' leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni, wasslet għall-bżonn li tingħata għajnuna u informazzjoni permezz ta' network speċifiku lill-awtoritajiet li jkunu qed jitrattaw każijiet transfruntieri. Dawn il-każijiet jistgħu jkopru tilwim ta' negozju, tal-konsumaturi jew tal-impjegji, jew kwistjonijiet ta' divorzju, kustodja tal-minuri jew tas-suċċessjoni. In-Network jiġbor fi ħdanu l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-assistenza għall-qrati lokali, u twaqqaf biex jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja u legali bejn l-Istati Membri. In-NĠE (f'materji ċivili u kummerċjali) twaqqaf permezz tad-**Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE** tat-28 ta' Mejju 2001 u beda jopera fl-1 ta' Diċembru 2002. Il-bażi ġuridika ġiet immodifikata darba, fl-2009 (il-verżjoni **konsolidata tinsab hawn**). Fin-NĠE (f'materji ċivili u kummerċjali) jipparteċipaw l-Istati Membri kollha ħlief id-Danimarka.

Agħti daqqa f'għajn lejn l-infografika tan-NĠE!

L-għanijiet tan-NĠE (f'materji ċivili u kummerċjali)

Sa mill-bidu tiegħu, in-NĠE (f'materji ċivili u kummerċjali) kien strument importanti biex jipprovdi appoġġ fl-implimentazzjoni ta' strumenti tal-ġustizzja ċivili tal-UE fil-prattika ġuridika ta' kuljum. In-NĠE (f'materji ċivili u kummerċjali) jiffaċilita u joffri sostenn lir-relazzjonijiet bejn **l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali** permezz ta' punti ta' kuntatt f'kull Stat Membru, u b'hekk jgħin biex il-każijiet transfruntieri jiġu ffaċilitati. Din il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għandha l-għan li tagħti għajnuna lil nies involuti f'kawżi ġudizzjarji ċivili u kummerċjali transfruntieri.

Min huma l-membri tan-NĠE (f'materji ċivili u kummerċjali)?

Hemm iktar minn 500 membru tan-Network, li jaqgħu taħt il-ħames kategoriji msemmija taħt. Kull Stat Membru għandu minn tal-anqas punt ta' kuntatt wieħed. In-Network hu magħmul minn:

punti ta' kuntatt innominati mill-Istati Membri;

korpi u awtoritajiet ċentrali speċifikati fil-liġi tal-Unjoni, fi strumenti internazzjonali li l-Istati Membri huma partijiet fihom, jew fil-liġi domestika li għandha x'taqsam mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali;

maġistrati ta' kollegament b'responsabbiltajiet għal kooperazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali;

awtoritajiet oħra ġudizzjarji jew amministrattivi responsabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma ċivili u kummerċjali li l-Istat Membru jkun iqis li s-sħubija tagħhom tkun utli;

assoċjazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw il-professionisti legali li huma direttament involuti fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-istrumenti internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

L-aħħar aġġornament: 30/05/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Dwar In-Networks - Belġju

Punti ta' kuntatt u membri Belġjani tan-network

Il-Belġju nnomina żewġ punti ta' kuntatt. Wieheh minn dawn huwa maġistrat tal-Qorti tal-Kassazzjoni li jikkoordina r-relazzjonijiet tan-network mal-membri maġistrati; l-ieħor huwa uffiċjal fis-Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja u jaħdem speċifikament fis-servizz għall-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet ċivili.

Barra minn hekk, in-network Belġjan bħalissa huwa fformat minn 15-il maġistrat, li huma membri skont l-Artikolu 2.1(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE. Għal kull sentenza mill-qorti tal-appell jinħatra tlieta jew erba' maġistrati; kull wieheh minnhom huwa speċjalizzat fil-liġi tal-familja, fil-liġi kummerċjali u fil-liġi tal-proċedura. Dawn il-maġistrati ġejjin minn qrati ta' diversi livelli (Qorti tal-Appell, Tribunali tal-Prim'Istanza, Tribunali tal-Kummerċ u Kummissarji tal-Ġustizzja).

Rappreżentant tal-Kunsill nazzjonali tar-reġistraturi superjuri huwa wkoll membru tan-network Belġjan skont l-Artikolu 2.19d) tad-Deċiżjoni msemmija hawn qabel.

Erba' rappreżentanti ta' professjonijiet legali ġew innominati wkoll mill-Belġju bħala membri tan-Network skont l-Artikolu 2.1(e): rappreżentant għan-nutara, rappreżentant għall-marixxalli tal-qorti u żewġ rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-avukati (rappreżentant tal-assoċjazzjonijiet li jttkellmu bil-Franċiż u l-Ġermaniż u rappreżentant tal-assoċjazzjonijiet li jttkellmu bil-Fjamming).

Il-koordinazzjoni hija assigurata wkoll flimkien mad-diversi awtoritajiet ċentrali deżinjati fil-kuntest ta' diversi regolamenti (ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003, ir-Regolament (KE) Nru 4/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1393/2001,...).

Ġew stabbiliti wkoll kuntatti mat-taqsima Belġjana taċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur.

Il-mod tal-operat tan-network

Il-biċċa l-kbira tal-komunikazzjonijiet issir bil-posta elettronika. L-informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea u b'mod partikolari mis-Segretarjat tintbagħat prinċipalment minn wieheh mill-punti ta' kuntatt mill-membri. Il-membri jieħdu sehem fil-laqgħat tan-Network skont it-temi tagħha. Barra minn hekk, issir laqgħa darba fis-sena tal-membri Belġjani maġistrati.

Il-membri huma regolarment mistiedna jaġhtu bl-aktar mod wiesgħa possibbli informazzjoni dwar il-liġijiet ġodda jew iqassmu kwestjonarji mal-kollegi tagħhom. B'mod iktar ġenerali, id-dokumentazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-ħoloq utli tal-internet huma disponibbli fil-qrati. Ċerti membri tan-network huma wkoll involuti fil-pubblikazzjoni ta' buletin iddedikat lil-leġiżlazzjoni Ewropea (*Eur-alert!*).

Ġiet stabbilita wkoll kollaborazzjoni mal-Istitutt ta-Taħriġ Ġudizzjarju li tippermetti li l-punti ta' kuntatt u l-membri jkunu involuti, bħala kelliema waqt it-taħriġ li jorganizzaw dwar il-leġiżlazzjoni Ewropea reċenti u b'mod partikolari fuq il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea u internazzjonali fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

Fil-kuntest tat-trattament ta' kwistjonijiet partikolari rigward pereżempju l-kontenut ta' liġi barranija jew dwar il-proċess ta' proċedura li jkollha inċidenza transfruntiera, il-kuntatti jsiru permezz tal-posta elettronika minn naħa bejn il-punt ta' kuntatt tal-Belġju u l-maġistrat Belġjan li jkun għamillu d-domandi fil-kuntest ta' proċedura pendenti u min-naħa l-oħra bejn il-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri kkonċernati.

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Bulgarija

In-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili u Kummerċjali

Il-qafas ġuridiku tan-Network Ġudizzjarju Nazzjonali f'Materji Ċivili u Kummerċjali fir-Repubblika tal-Bulgarija (in-Network Nazzjonali) huwa stabbilit fir-Regoli Operazzjonali tiegħu (*Pravila za deynostta*), adottati mill-Kunsill Ġudizzjarju Suprem (*Vissh sadeben savet*, VSS) b'deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 2018, li ssostitwixxew ir-regoli adottati b'deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2014 u emendati b'deċiżjoni tad-19 ta' Marzu 2015.

L-iskop tan-Network Nazzjonali huwa li jipprovdi l-assistenza meħtieġa lill-awtoritajiet ġudizzjarji fit-tfassil, fit-trażmissjoni u fl-eżekuzzjoni effettivi tat-talbiet għall-assistenza ġudizzjarja, il-ġbir u l-ħżin tal-istatistika dwar il-kooperazzjoni legali internazzjonali segwita mill-qrati fil-Bulgarija, u li jikkoopera mal-punti ta' kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew u istituzzjonijiet simili oħra.

L-Awla tal-Imħallfin (*Sadyiska kolegiya*) tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem hija responsabbli għall-funzjonament tan-Network Nazzjonali, għall-parteciċipazzjoni tiegħu fi proġetti nazzjonali u internazzjonali, u għall-kooperazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet, mal-organizzazzjonijiet u mal-entitajiet kollha, kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali, li jwettqu funzjonijiet fil-qasam tal-assistenza ġudizzjarja internazzjonali. Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet Internazzjonali u l-Protokoll (*Direktsiya Mezhdunarodna deynost i protokol*) tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem jassisti u jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tan-Network, il-punti ta' kuntatt nazzjonali u l-Awla tal-Imħallfin. Il-gwida u l-koordinazzjoni metodoloġika tal-operat tan-Network Nazzjonali huma pprovduti mill-Awla tal-Imħallfin permezz tal-Kumitat għall-Evalwazzjonijiet u għall-Kompetizzjonijiet (*Komisiya po atestirano i konkursite*).

Komplement

L-applikanti għall-membri tan-Network Nazzjonali jridu jkunu mħallfin ta' qorti distrettwali u provinċjali jew ta' qorti tal-appell li tissodisfa kriterji partikolari f' termini ta' mertu professjonali u integrità morali, ħiliet ta' lingwi barranin, eċċ. Wara kompetizzjoni ta' reklutaġġ, l-imħallfin tan-Network Nazzjonali jiġu nnominati b'deċiżjoni tal-Awla tal-Imħallfin tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem għal perjodu ta' ħames snin. In-Network Nazzjonali jinkludi sa seba' imħallfin ta' kull distrett tal-appell u sa 15-il imħallf tad-Distrett tal-Appell ta' Sofia. F'każijiet espressament previsti, is-sħubija tan-Network tintemm b'deċiżjoni motivata tal-Awla tal-Imħallfin tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem, proposta mill-Kumitat għall-Evalwazzjonijiet u għall-Kompetizzjonijiet.

Punti ta' kuntatt

L-Awla tal-Imħallfin tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem, li tagħixxi fuq proposta tal-Kumitat għall-Evalwazzjonijiet u għall-Kompetizzjonijiet, taħtar punti ta' kuntatt minn fost il-membri tan-Network: punt ta' kuntatt wieheh f'Materji Ċivili u punt ta' kuntatt wieheh fil-materji kummerċjali, għal perjodu ta' ħames snin.

Funzjonijiet

Il-membri tan-Network Nazzjonali jassistu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali li huma parti min-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili u Kummerċjali jew Networks internazzjonali oħra għall-kooperazzjoni legali u l-imħallfin nazzjonali fit-tfittxija għal kooperazzjoni legali internazzjonali.

Bħala parti minn din l-assistenza, il-membri tan-Network Nazzjonali huma marbuta li fejn meħtieġ jinfurmaw, jaġhtu pariri, jikkoordinaw, u jwettqu attivitajiet oħra biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni legali internazzjonali skont il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji rispettivi fil-Bulgarija. Il-membri tan-Network Nazzjonali huma marbuta li jipprovdu assistenza meta mitluba minn kull imħallf nazzjonali, prosekutur, maġistrat investigattiv jew rappreżentant ta' awtorità nazzjonali ċentrali vestita b'setgħat, f'konformità mal-leġiżlazzjoni internazzjonali u Ewropea.

Il-membri tan-Network Nazzjonali jiffaċilitaw l-arranġament ta' taħriġ fil-qasam tal-kooperazzjoni legali internazzjonali li jwettaq fid-distrett fejn iwettqu dmirjiethom.

Il-membri tan-Network Nazzjonali jiffaċilitaw l-imħallfin fit-tfittxija ta' kooperazzjoni legali internazzjonali fid-distrett tal-appell rilevanti li huma responsabbli għalih.

Il-membri tan-Network Nazzjonali jwettqu studji tal-ġurisprudenza Ewropea u nazzjonali u l-bidliet li jintervjenu fil-kooperazzjoni f'Materji Ċivili u kummerċjali, u jippropolarizzaw u jxerdu dawn l-istudji.

Il-membri tan-Network Nazzjonali jfasslu dikjarazzjonijiet ta' attività trimestrali għad-distrett tal-appell rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja u internazzjonali u l-kooperazzjoni legali internazzjonali u jibagħtu dawn id-dikjarazzjonijiet lill bażi tad-*data* aġġornata u ta' aġġornament mal-VSS u jipprovdu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali verżjoni elettronika tal-istrumenti tal-qorti f'Materji Ċivili u kummerċjali mogħtija mill-qrati fid-distrett tal-appell ikkonċernat li japplikaw il-liġi tal-UE, sabiex il-baży tad-*data* rekwiżita tkun tista' tinżamm.

Huma jwettqu wkoll kompiti addizzjonali stabbiliti mill-Awla tal-Imħallfin tal-VSS, jekk ikun meħtieġ li tingħata informazzjoni, jitwettaq studju, jingħata taħriġ jew titwettaq attività oħra li tikkonċerna l-kooperazzjoni legali internazzjonali.

Il-membri tan-Network Nazzjonali jżommu baży tad-*data* ta' dettalji ta' kuntatt aġġornata (indirizzi tal-posta elettronika, indirizzi oħra għall-korrispondenza, numri tat-telefon) u baży tad-*data* tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-VSS, it-taqsimha Network Ġudizzjarju f'Materji Ċivili u Kummerċjali.

Kull membru tan-Network Nazzjonali jwettaq il-funzjonijiet tiegħu fi ħdan id-distrett tal-appell rilevanti.

Il-membri tan-Network Nazzjonali jattendu laqgħa annwali, li ssir fi Frar u li fiha jiġi adottat rapport ta' attività tan-Network għas-sena kalendarja preċedenti; ir-rapport ta' attività jtfassal mill-punt ta' kuntatt nazzjonali abbaży tar-rapporti ta' attività annwali ppreżentati mill-membri sal-15 ta' Jannar.

Wara li jkunu attendew għal-laqqgħat perġodici tal-punti ta' kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili u Kummerċjali, il-parteċipanti jippreżentaw rapport lill-Awla tal-Imħallfin tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem, li jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem, it-taqsimha Kooperazzjoni Internazzjonali, in-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili u Kummerċjali, sabiex tiġi żgurata l-pubbliċità tal-attività tagħhom.

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Iċ-Ċekja

Attwalment ir-Repubblika Ċeka għandha sitt punti ta' kuntatt tan-network Ġudizzjarju Ewropew: ħamsa fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja fir-Repubblika Ċeka u wieħed fi Brussell (ir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Ċeka fl-UE).

Il-punti ta' kuntatt tan-network Ġudizzjarju Ewropew fir-Repubblika Ċeka jikkomunikaw mal-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri l-oħra, jittrattaw mistoqsijiet mill-qrati u nutara li jridu informazzjoni dwar il-liġijiet tal-pajjiżi l-oħra u tfakkiriet dwar l-ipproċessar tat-talbiet, b'mod partikolari skont ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 dwar il-kompilazzjoni ta' xhieda u r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar is-servizz ta' dokumenti u kwistjonijiet oħra.

Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, fl-2004 ir-Repubblika Ċeka stabbiliet in-network Ġudizzjarju Intern ("in-network") għal kooperazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, li għandu r-responsabbiltà li jiżgura illi r-Repubblika Ċeka tkun involuta b'mod effettiv fin-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

Il-membri tan-network jinkludu mħallfin, rappreżentanti tal-Kamra tal-Avukati tar-Repubblika Ċeka, rappreżentanti tal-Kamra tan-Nutara tar-Repubblika Ċeka, rappreżentanti tal-Kamra tal-Eżekuturi tar-Repubblika Ċeka, rappreżentanti tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni Internazzjonali Legali tat-Tfal, rappreżentanti taċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumaturi, rappreżentanti mill-Fakultà tal-Liġi tal-Università Charles u persunal nominat mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

Il-membri tan-network jieħdu sehem b'mod partikolari fl-attivitàjiet tan-network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali u fit-tweqqif tal-kompiti ġejjin minnu, u fl-attivitàjiet tal-gruppi ta' ħidma u l-kumitati tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni dwar materji ċivili u kummerċjali. Il-membri tan-network jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq abbozzi ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u proposti oħra marbuta mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali.

In-network illum għandu madwar 130 membru. Il-laqqgħat tal-membri kollha tan-network jiġu organizzati mill-Ministeru għall-Ġustizzja darba fis-sena. L-aġenda tal-laqqgħat tinkludi temi attwali li jikkonċernaw b'mod partikolari in-network Ġudizzjarju Ewropew, il-ħidma tal-portal Ewropew tal-e-Ġustizzja u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'dawn il-laqqgħat il-membri tan-network għandhom opportunità unika biex jiltaqqgħu personalment u jaqsmu l-esperjenza Prattika tagħhom fl-applikazzjoni tal-istrumenti tal-UE.

Il-kompjendja u pubblikazzjonijiet oħra ippreparati min-network Ġudizzjarju Ewropew jitqassmu lill-membri tan-network.

Il-membri jistgħu jikkomunikaw b'mod informali permezz tal-posta elettronika. In-network għandu lista ta' distribuzzjoni bil-posta elettronika tiegħu stess fejn u li permezz tagħha l-membri tan-network jistgħu jibagħtu l-mistoqsijiet u jaqsmu l-esperjenza tagħhom. Permezz ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni l-Ministeru tal-Ġustizzja jista' javża malajr lill-membri tan-network b'aħbarijiet marbuta mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE.

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Ġermanja

B'riżultat tal-istruttura federali tal-Ġermanja, hemm ċentri ta' kuntatt f'kull stat minbarra ċ-ċentru ta' kuntatt federali tan-NĠE (in-Network Ġudizzjarju Ewropew). Iċ-ċentru ta' kuntatt federali jinsab fl-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja (*Bundesamt für Justiz*). Skont l-organizzazzjoni ta' kull stat, il-punti ta' kuntatt tal-istat jinsabu jew f'qorti (il-Bavarja [il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Munich], Bremen [il-Qorti Reġjonali ta' Bremen], Hamburg [il-Qorti Lokali ta' Hamburg], Hessen [il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main], is-Sassonia t'Isfel [il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Celle], in-Nordrhein-Westfalen [il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf] u s-Sassonia [il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Dresden]) jew il-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Istat. B'kollox hemm 17-il ċentru ta' kuntatt tan-NĠE fil-Ġermanja. Iċ-ċentru ta' kuntatt federali huwa responsabbli għall-koordinament tan-network nazzjonali u l-organizzazzjoni tal-avvenimenti, bħall-Jum Ewropew tal-Ġustizzja u l-laqqgħat tal-membri Ġermaniżi tan-NĠE, filwaqt li jwieġeb ukoll it-talbiet li jkunu deħlin jew ħerġin.

Il-kompiti jitqassmu internament bejn iċ-ċentri ta' kuntatt tal-istat u ċ-ċentru ta' kuntatt federali. Iċ-ċentru ta' kuntatt federali jwieġeb il-mistoqsijiet marbuta mad-dritt ċivili jew kummerċjali Ġermaniż, u l-organizzazzjoni tal-qrati b'mod ġenerali. Madankollu, il-mistoqsijiet dwar każ speċifiku jiġu ttrattati miċ-ċentru ta' kuntatt federali fl-istat fejn ikun pendenti l-każ. Madankollu, iċ-ċentri ta' kuntatt Ġermaniżi kollha għandhom status ugwali, li jfisser illi kull wieħed minn dawn is-17-il ċentru jista' jiġi kkuntattat għal kull tip ta' mistoqsija u, jekk ikun meħtieġ, iċ-ċentru ta' kuntatt federali jista' jipprovdi assistenza għal każijiet speċifiċi.

Dan it-tqassim intern tad-dmirijiet jiżgura illi l-mistoqsija tiġi ttrattata mill-aktar ċentru ta' kuntatt adattat.

Minbarra ċ-ċentri ta' kuntatt, hemm erba' mħallfin disponibbli biex jgħinu lill-qrati Ġermaniżi fil-qasam kopert mir-Regolament (UE) Nru 2019/1111 (ir-Regolament Brussell IIb). Id-dmirijiet tagħhom jitqassmu wkoll internament skont l-istat. Il-mistoqsijiet esterni jistgħu jsiru lill kull wieħed mill-erba' maġistrati ta' kollegament. Jekk ikun hemm bżonn, il-persuna li tkun qed tagħmel il-mistoqsija tiġi riferuta immedjatament lill-persuna jew persuni responsabbli skont it-tqassim intern tal-kompiti, kif ukoll skont il-ħiliet lingwistiċi, il-kompetenzi speċifiċi u l-għarfien espert marbut mal-każ speċifiku.

Barra minn hekk, uffiċjal ta' kollegament Ġermaniż fil-Ministeru għall-Ġustizzja Franċiż huwa responsabbli għall-għajjnuna legali reċiproka Ġermaniża /Franċiża. Jekk, f'każijiet individwali, ikun hemm diffikultajiet b'talbiet Franċiżi għal għajjnuna legali reċiproka jew dispożizzjonijiet tad-dritt Franċiż jeħtieġ li jiġu determinati, minbarra l-kanali permezz tal-punti ta' kuntatt, l-uffiċjal ta' kollegament Ġermaniż jista' jintalab jassisti.

Skont l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470 /KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, il-Ġermanja ħatret lill-Kamra tal-Avukati Federali (Bundesrechtsanwaltskammer), il-Kamra tan-Nutara Federali (Bundesnotarkammer), il-Kamra tal-Avukati tal-Privattivi (Patentanwaltskammer), il-Kamra tal-Avukati Ġermaniżi (Deutscher Anwaltverein), il-Federazzjoni tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġermaniżi (Deutscher Gerichtsvollzieher Bund e.V.) u l-Federazzjoni tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġermaniżi (Bund Deutscher Rechtspfleger), bħala membri tan-NĠE.

Membri oħra tan-NĠE fil-Ġermanja jinkludu l-korpi ċentrali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 2020/1784 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstrapudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (Regolament dwar in-notifika ta' dokumenti) u r-Regolament (UE) Nru 2020/1783 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (Regolament dwar il-kompilazzjoni tax-xhieda). Dawn il-korpi ċentrali u l-amministrazzjonijiet ġudizzjarji tal-istat jipprovdu lill-qrati b'informazzjoni aġġornata dwar l-għajjnuna legali ċivili. Jintroduċu wkoll miżuri addizzjonali u jappoġġaw lill-qrati bin-notifika tad-dokumenti u l-kompilazzjoni tax-xhieda f'każijiet b'element barrani. Barra minn hekk, l-Awtorità Ċentrali skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2019/1111 (ir-Regolament Brussell IIb) u l-Awtorità Ċentrali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdiżjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ir-Regolament dwar il-Manteniment) huma membri tan-NĠE.

Aktar informazzjoni dwar in-NĠE fil-Ġermanja u lista ta' kuntatti tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (<http://www.bundesjustizamt.de/ejnz>).

L-aħħar aġġornament: 03/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [\[et\]](#) għet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [\[en\]](#) diġà ġew tradotti.

Dwar in-Networks - Estonja

Il-punti ta' kuntatt tan-network nazzjonali huma ż-żewġ konsulenti tad-Diviżjoni Internazzjonali tal-Kooperazzjoni Ġudizzjarja fil-Ministeru tal-Ġustizzja, li t-tnejn li huma jaqdu wkoll il-funzjonijiet ta' rappreżentant tal-awtorità ċentrali. Il-funzjonijiet ewlenin tal-punti ta' kuntatt huma dawn li ġejjin:

I-żgurur li l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali jirċievu informazzjoni ġenerali dwar l-istrumenti tal-UE u internazzjonali relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali;

il-forniment lill-punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet l-oħra kif ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali fl-Istat Membru tagħhom stess tal-informazzjoni meħtieġa għal kooperazzjoni ġudizzjarja b'saħħitha bejn l-Istati Membri, sabiex iġinuhom fit-tnejn ta' talbiet prattiċi għal kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-istabbiliment tal-kuntatti diretti l-aktar idonei;

l-għoti ta' kwalunkwe informazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor li hija applikabbli skont strument tal-UE jew internazzjonali; it-tiftix ta' soluzzjonijiet għad-diffikultajiet li jistgħu jinjalghu b'rabta ma' talba għal kooperazzjoni ġudizzjarja;

l-iffaċilitar tal-koordinament tal-ipproċessar ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fejn diversi talbiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji f'dak l-Istat Membru se jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor;

il-kontribut biex il-pubbliku jiġi infurmat b'mod ġenerali, permezz tas-sit web tan-network, dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea, dwar strumenti rilevanti tal-UE u internazzjonali u dwar il-liġi domestika tal-Istati Membri, b'referenza partikolari għall-aċċess għall-ġustizzja;

il-kollaborazzjoni fl-organizzazzjoni u fil-parteċipazzjoni fil-laqqgħat tan-network;

l-assistenza bit-tnejn u bl-aġġornament tal-informazzjoni għall-pubbliku;

l-żgurur tal-koordinazzjoni bejn il-membri tan-network fuq livell nazzjonali;

it-tfassil ta' rapport biannwali dwar l-attivitajiet tagħhom, inkluż, fejn xieraq, l-aħjar prattika fin-network, l-ippreżentat tiegħu f'laqgħa tal-membri tan-network, u l-għid tal-attenzjoni speċifika għal tiġib possibbli fin-network.

Il-maġistrat ta' kollegament tan-network huwa mħallef tal-Qorti tal-Kontea ta' Viru li jirrappreżenta wkoll lill-Estonja fin-network tal-qrati stabbilit mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat. Il-kompitu tal-maġistrat ta' kuntatt huwa li jagħti pariri lill-uffiċjali tal-qorti dwar il-liġi ċivili u kummerċjali tal-Unjoni Ewropea u jaqsam l-esperjenza tiegħu man-network dwar l-applikazzjoni ta' diversi liġijiet.

Fl-2011, bid-dħul fis-seħħ tat-tieni Deċiżjoni dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali (NĠE-sezzjoni ċivili), li espandiet l-attivitajiet tan-network għall-assoċazzjonijiet professjonali, il-korpi li ġejjin saru membri tal-NĠE-sezzjoni ċivili fl-Estonja:

il-Kamra tal-Bailiffs u t-Trustees tal-Estonja fi proċedimenti ta' Falliment li tirrapreżenta lill-bailiffs u trustees fi proċedimenti ta' falliment;

l-Assoċazzjoni tal-Avukati Estonjana li tirrapreżenta avukati u nutara.

Fil-laqqgħat, l-ewwel waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet professjonali kienet irrapreżentata minn rappreżentanti differenti ta' korpi professjonali u okkupazzjonali, skont is-suġġett ikkonċernat, u fl-2022 inħatar punt ta' kuntatt speċifiku.

L-Assoċazzjoni tal-Avukati Estonjana għet irrapreżentata mid-direttur tagħha.

Ir-rappreżentanti tal-assoċazzjonijiet professjonali huma responsabbli għal dan li ġejn:

l-iskambju ta' esperjenza u informazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni effettiva u prattika tal-istrumenti tal-UE u dawk internazzjonali;

il-kollaborazzjoni fit-tnejn u fl-aġġornament tal-iskedi informattivi;

il-parteċipazzjoni tal-assoċazzjonijiet professjonali fil-laqqgħat rilevanti.

Skont is-suġġett ta' diskussjoni, il-punt ta' kuntatt jistieden ukoll esperti nazzjonali oħra biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom waqt il-laqqgħat tan-network.

Pereżempju għal-laqqgħat attendew diversi mħallfin minbarra l-maġistrat ta' kuntatt, ir-rappreżentanti tal-ministeri l-oħra u l-Kamra tan-Nutara, konsulenti tal-Qorti Suprema, rappreżentanti mill-Bord tal-Protezzjoni tal-Konsumaturi, membri mill-fakultà tal-Università ta' Tartu, eċċ.

L-aħħar aġġornament: 25/09/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Irlanda

Il-Punti ta' Kuntatt

Hemm żewġ punti ta' kuntatt għall-Irlanda. Hemm punt ta' kuntatt wieħed għall-Qrati Distrettwali u taċ-Ċirkwit u punt ta' kuntatt wieħed għall-Qrati Superjuri, jiġifieri l-Qorti Superjuri, il-Qorti tal-Appell u l-Qorti Suprema. Il-punti ta' kuntatt jikkooperaw mill-qrib u jaħdmu flimkien fuq materji relatati man-Network. Il-punti ta' kuntatt għall-Irlanda huma bbażati fis-Servizz tal-Qrati f'Dublin. Minkejja li kull ġuriżdizzjoni hija separata, hemm koinċidenza fix-xogħol ta' dawn il-punti ta' kuntatt, li kull wieħed minnhom għandu responsabbiltà unika għan-Network fid-Direttorati tagħhom. Il-mistoqsijiet li jsiru permezz tan-NĠE għandhom jintbagħtu lill-punt ta' kuntatt rilevanti għall-ġuriżdizzjoni kkonċernata. Il-punti ta' kuntatt jaħdmu f'uffiċċji separati, iżda fi ħdan id-Direttorati tas-Servizz tal-Qrati tal-Irlanda f'Dublin. Ix-xogħol tan-Network jiġi kkombinat ma' kompiti oħrajn. Madankollu, il-punt ta' kuntatt jista' jittlob l-għajnuna u l-assistenza ta' kollegi oħrajn meta jittratta l-operat tan-Network. Il-punti ta' kuntatt iżommu kuntatt regolari permezz tal-posta elettronika, bit-telefon u b'laqgħat wiċċ imb wiċċ ma' membri tan-network tan-NĠE fl-Irlanda, inklużi l-Awtoritajiet Ċentrali; id-Direttur tal-Operazzjonijiet tal-Qorti Suprema u Superjuri u d-Direttur tar-Riforma u l-Iżvilupp fis-Servizz tal-Qrati [*membri tal-Artikolu 2(1)(d)*]; u l-uffiċjali fid-Dipartiment tal-Ġustizzja u r-Riforma tal-Liġi [*membri tal-Artikolu 2(1)(d)*]. Il-punti ta' kuntatt huma wkoll f'komunikazzjoni regolari ma' membru nnominat tal-ġudikatura b'rabta mal-iżviluppi fin-NĠE.

Il-funzjonament tan-NĠE fl-Irlanda

Ma jeżisti ebda network nazzjonali formali fl-Irlanda. Hemm network ta' persuni li huma esperti f'oqsma ta' politika partikolari li għalihom jista' jirrikorri l-punt ta' kuntatt għal tweġibiet għall-mistoqsijiet li jitqajmu.

Il-punt ta' kuntatt jaħdem mill-qrib ma' oħrajn li huma membri estiżi tan-Network għall-Irlanda, inklużi għadd ta' mħallfin b'ħiliet speċjalizzati f'oqsma speċifiċi tal-liġi jew b'responsabbiltà għal xogħol ta' kollegament internazzjonali. Il-Punti ta' Kuntatt jistgħu jiġu kkuntattati permezz tal-posta elettronika. Il-punt ta' kuntatt jiżgura li l-esperti tal-politika, amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti jiġu kkonsultati qabel il-laqgħat rilevanti tan-Network u li n-noti tal-laqgħat u l-punti ta' azzjoni rilevanti jiġu mxerrdin kif xieraq.

Il-punt ta' kuntatt għandu wkoll kuntatt regolari mad-Dipartiment tal-Ġustizzja dwar kwistjonijiet ta' politika u mal-Awtorità Ċentrali dwar il-Manteniment tal-Familja u kwistjonijiet Transkonfinali

L-għoti ta' informazzjoni

Ma jeżisti ebda sit web nazzjonali għan-NĠE fl-Irlanda. L-informazzjoni tiġi pprovduta permezz tas-sit web tas-Servizz tal-Qrati u permezz ta' siti eżistenti oħrajn għal Dipartimenti differenti fl-Irlanda. Il-punt ta' kuntatt jaħdem kemm ma' punti ta' kuntatt oħrajn kif ukoll ma' Dipartimenti oħrajn meta jiġu pprovduti sorsi differenti ta' informazzjoni għall-Istati Membri tan-NĠE u għan-NĠE nnifsu.

L-aħħar aġġornament: 12/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Greċja

L-istruttura tan-network

Għadd ta' punti ta' kuntatt: Ġew iddeżinjati 22 punt ta' kuntatt. Dsatax minnhom huma mħallfin li jiffurmaw parti min-network nazzjonali filwaqt li jeżerċitaw id-doveri ġudizzjarji tagħhom b'mod parallele. Tlieta huma uffiċjali fil-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod aktar speċifiku fid-Dipartiment għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali f'Materji Ċivili u Kriminali. Li jopera b'ħala l-awtorità ċentrali għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdiżjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (Brussell IIa) (li jikkomplementa l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 (obbligi ta' manteniment) u d-Direttiva 2002/8/KE (għajnuna legali), u wkoll b'ħala l-korp ċentrali għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 (kumpilazzjoni ta' xhieda) u (KE) Nru 1393/2007 (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji).

Network nazzjonali: Ġie stabbilit network nazzjonali informali bi struttura ċentralizzata, u li l-komponenti prinċipali fil-huma l-awtorità ċentrali, imħallfin minn Aten, u tliet rappreżentanti tal-professjonijiet legali (assoċjazzjonijiet ta' avukati, marixxalli tal-qorti u nutara). Id-Dipartiment għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali f'Materji Ċivili u Kriminali huwa inkarigat mill-monitoraġġ tal-ħidma tan-network Ġudizzjarju Ewropew u mill-koordinazzjoni tal-ħidma tal-punti ta' kuntatt f'livell nazzjonali fir-rigward tal-obbligi tal-Greċja fl-ambitu tan-NĠE u tal-kontenut li jittella' fuq il-Portal tal-e-Ġustizzja tal-UE. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali tan-network jikkontribwixxu sabiex jimtlew l-iskedi informattivi, ikunu aġġornati n-notifiki formali tal-Greċja dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali, jimtlew il-kwestjonarji li joriġinaw min-NĠE jew minn korpi oħra tal-UE, u għall-proċess biex jitwiegħbu l-mistoqsijiet minn awtoritajiet tal-UE jew punti ta' kuntatt oħra li jirrigwardaw prinċipalment l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-Greċja.

Isiru laqgħat regolari li jiġu kkoordinati mid-Dipartiment għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali f'Materji Ċivili u Kriminali, normalment bejn darbejn u erba' darbiet fis-sena. L-iskop tal-laqgħat huwa l-iskambju ta' fehmiet, esperjenza u informazzjoni. L-aġenda tiffoka l-aktar fuq suġġetti diskussi fil-laqgħat tan-NĠE fil-livell Ewropew, kwistjonijiet li jistgħu jfeġġu mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE (regolamenti u direttivi) fil-livell nazzjonali, u l-obbligi tal-Greċja fl-ambitu tan-NĠE u l-Portal tal-e-Ġustizzja, kif jissema aktar 'il fuq.

Komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-pubbliku

Is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem jagħmel referenza speċjali għan-NĠE. Tinsab għaddejjha ħidma bl-għan li s-sit web jiġi aġġornat sabiex tingħata deskrizzjoni ċara u kompluta tar-rwol u s-siwi tan-NĠE f'rabta mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali.

Fil-livell nazzjonali, l-informazzjoni li tirrigwarda l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar materji ċivili u kummerċjali tiġi kkomunikata billi jitqassam materjal stampat tan-NĠE u billi jiġu organizzati seminars u avvenimenti ta' ġurnata, f'Ateni u bliet oħra fil-Greċja, li jirrigwardaw l-iżviluppi leġiżlattivi Ewropej fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali u l-impatt tagħhom fil-livell lokali (xi drabi, il-membri tan-network nazzjonali jieħdu sehem b'ħala kelliema prinċipali). Dawn l-avvenimenti jseħħu taħt il-patroċinju tal-Ministeru tal-Ġustizzja kif wkoll tal-Kamra tal-Avukati fil-pajjiż kollu, l-Iskola Nazzjonali tal-Imħallfin, il-Kunsill Legali tal-Istat, assoċjazzjonijiet tad-dritt ċivili u d-dritt kummerċjali, eċċ.

Barra minn hekk, il-Jum Ewropew tal-Ġustizzja, avveniment li jdum ġurnata, għandu l-għan li jservi sabiex il-professjonisti legali Ewropej "jistnbnu" u jniedu djalogu dwar il-progress tal-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE; f'dawn l-aħħar snin, ġie organizzat kważi kull sena, taħt il-patroċinju tal-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem.

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Spanja

Il-funzjonament tan-NĠE fi Spanja

Fi Spanja, skont l-Artikolu 33 tal-Liġi 16/2015 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-istatus tal-membri nazzjonali ta' Spanja fil-Eurojust, il-kunflitti dwar il-ġurisdizzjoni, in-networks ta' kooperazzjoni internazzjonali ġudizzjarja u l-persunal tal-Ministeru tal-Ġustizzja assenjat barra l-pajjiż, il-ħatra u t-tneħħija tal-punti ta' kuntatt Spanjoli għan-networks internazzjonali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, skont it-termini tar-regoli li jistabbilixxuhom, jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-ħatra trid issir minn fost persuni li għandhom esperjenza ppruvata fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u għarfien tajjeb tal-Ingliż jew tal-Franċiż, kif applikabbli, u trid tiżgura, tal-inqas, rappreżentanza tal-ġudikatura, tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministerio Fiscal*) u tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Għal dak il-għan, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura (*Consejo General del Poder Judicial*) u tal-Prosekutur Ġenerali (*Fiscal General del Estado*) sabiex jipproponu lill-Ministru tal-Ġustizzja l-ħatra u t-tneħħija tal-punti ta' kuntatt għall-professjonijiet rilevanti. L-istatus tal-punt ta' kuntatt jintemm hekk kif il-persuna kkonċernata tiegħa taħdem għall-istituzzjoni li tkun ipproponiet il-ħatra tagħha. Dan irid jiġi nnotifikat lill-Ministeru tal-Ġustizzja, li jkun jeħtieġu javża lis-Segretarjat tan-Network.

Il-punti ta' kuntatt Spanjoli għan-networks tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali huma intermedjarji attivi bil-kompitu li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati differenti. Huma disponibbli għall-awtoritajiet Spanjoli rilevanti, kif ukoll għall-punti ta' kuntatt l-oħrajn kollha, fejn jipprovdu lhom informazzjoni legali u prattika meħtieġa għat-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Kull sena l-punti ta' kuntatt Spanjoli jkun jeħtieġilhom jippreżentaw id-*data* statistika tagħhom dwar l-attività tagħhom lill-istituzzjoni li jappartjenu għaliha.

Il-Punti ta' Kuntatt

Fi Spanja, il-punti ta' kuntatt tan-Network jinsabu fil-Ministeru tal-Ġustizzja, fil-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura u fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (*Fiscalía General del Estado*). Atwalment hemm tmien punti ta' kuntatt, imqasma kif ġej:

Sitt punti ta' kuntatt maħtura mill-Ministeru tal-Ġustizzja – tnejn fis-Subdirettorat-Ġenerali għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (*Subdirección General de Cooperación Jurídica Internacional*) u erba' reġistraturi tal-qorti (*Letrados de la Administración de la Justicia*);

punt ta' kuntatt wieħed maħtur mill-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura;

punt ta' kuntatt wieħed maħtur mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali.

Awtorità ċentrali

Fi Spanja, id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali u d-Drittijiet tal-Bniedem (*Dirección General de Cooperación Jurídica Internacional y Derechos Humanos*) tal-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità ċentrali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali.

Il-Maġistrati ta' kollegament

Spanja diġà għandha dispożizzjoni fil-liġi li teħtieġ li maġistrati prominenti ta' kollegament ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jsiru punti ta' kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew u jservu ta' punti ta' kuntatt skont l-Artikolu 34 tal-Liġi 16/2015 tas-7 ta' Lulju 2015. Dan l-istatus jintemm malli jintemm l-istatus tagħhom bħala maġistrati ta' kollegament. Spanja ħatret Maġistrat ta' Kollegament fil-pajjiżi li ġejjin: ir-Renju Unit u l-Irlanda, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Kanada, il-Marokk, il-Belġju, in-Netherlands u l-Lussemburgu.

Awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi oħra b'responsabbiltà għall-kooperazzjoni ġudizzjarja

Fi Spanja hemm fis-seħħ dawn il-mekkaniżmi interni b'responsabbiltà għall-kooperazzjoni ġudizzjarja legali:

In-Network Ġudizzjarju Spanjol għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (*Red Española de Cooperación Judicial Internacional*, REJUE), li jaqa' taħt il-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura, li għandu l-għan li jassisti lill-korpi ġudizzjarji Spanjoli li jitolbu l-għajnuna fir-rigward ta' talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja maħruġa jew riċevuti minnhom fit-tweġġ tal-attivitàjiet ġudizzjarji tagħhom, u biex jgħin lil membri oħra tan-networks ta' kooperazzjoni ġudizzjarja. Il-membri tan-Network Ġudizzjarju Spanjol għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali jistgħu jirrendu s-sħubija tagħhom f'dan in-network kumpatibbli mal-isħubija tagħhom fin-Networks Ewropej ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja. Għalhekk, il-Maġistrati Spanjoli tan-Network Ġudizzjarju Spanjol għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (it-Taqsima Ċivili) huma membri tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali, fejn jiffaċilitaw il-kuntatti mal-isħab tagħhom f'pajjiżi oħra tan-network fil-qadi ta' dmirijiethom.

In-Network tal-Prosekuturi għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (*Red de Fiscales de Cooperación Jurídica Internacional*), imwaqqaf fl-2002 sabiex jipprovi servizz li jispeċjalizza f'materji ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'kull uffiċċju ta' Prosekutur Pubbliku.

Il-prosekuturi f'dan in-Network li huma esperti fil-kooperazzjoni internazzjonali jgħinu biex jiffokaw, jiggwidaw u jaqgħu assistenza ġudizzjarja internazzjonali malajr u b'mod effettiv.

In-Network ta' Reġistraturi tal-Qorti (*Red de Letrados de la Administración de Justicia*, RECILAJ) huwa struttura ta' koordinazzjoni fuq livell nazzjonali mwaqqaf mill-Ministeru tal-Ġustizzja fl-2010. Huwa fformat minn reġistraturi tal-qorti li jispeċjalizzaw fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u jgħinu lid-diversi Uffiċċji Ġudizzjarji (*Oficinas Judiciales*) biex isolvu problemi u jwieġbu mistoqsijiet marbuta mal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

Assoċjazzjonijiet professjonali

Fi Spanja dawn l-assoċjazzjonijiet professjonali li ġejjin jirrappreżentaw lill-professionisti legali li jikkontribwixxu b'mod dirett fl-applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni u ta' strumenti legali internazzjonali rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali:

il-Kunsill Ġenerali tan-Nutara (*Consejo General del Notariado*);

il-Kunsill Ġenerali tal-Avukati Spanjoli (*Consejo General de la Abogacía Española*);

l-Assoċjazzjoni tar-Reġistraturi tal-Proprietà u Kummerċjali fi Spanja (*Colegio de Registradores de la Propiedad y Mercantiles de España*);

il-Kunsill Ġenerali ta' Rappreżentanti Legali fi Spanja (*Consejo General de Procuradores de España*).

Informazzjoni dwar in-Network

Il-Ministeru Spanjol tal-Ġustizzja, li jaqgħu informazzjoni dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali u l-Assistenza Ġudizzjarja Internazzjonali, jipprovi link fuq is-sit tiegħu għan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali, disponibbli fuq: [Cooperación jurídica Internacional \(mjusticia.gob.es\)](https://www.cooperacionjuridica.es)

Il-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura fi Spanja jaqgħu informazzjoni dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali fuq is-sit web tiegħu <https://www.poderjudicial.es/cgpj/es/Temas/Redes-Judiciales/Otras-redes-judiciales/Red-Judicial-Europea-Civil-y-Mercantil/>, fejn hemm ukoll links għall-Atlas Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali, kif ukoll għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jipprovi informazzjoni dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali fis-sit [web](#) tiegħu.

L-aħħar aġġornament: 28/03/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [fr](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Dwar in-Networks - Franza

Fi Franza, in-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali huwa kkonstitwit minn imħallfin, avukati (*avocats*), nutara u uffiċjali ġudizzjarji (*commissaires de justice*). Madankollu, in-network huwa miftuħ għall-professjonijiet legali kollha li jkollhom interess fih, b'mod partikolari meta dawn jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fir-rigward ta' materji ċivili u kummerċjali (reġistraturi (*greffiers*), diretturi tad-dipartimenti tar-reġistru (*directeurs des services des greffes*), imħallfin u reġistraturi tal-qrati kummerċjali).

Sa mill-foqgħien tan-network, il-punt ta' kuntatt Franċiż dejjem kien imħallef li jopera fid-Direttorat tal-Kwistjonijiet Ċivili fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja (*Direction des affaires civiles et du Sceau du Ministère de la Justice*). B'mod speċjali, dan l-imħallef jopera fid-Dipartiment għall-assistenza reċiproka, id-dritt internazzjonali privat u d-dritt tal-UE (*Département de l'entraide, du droit international privé et européen – DEDIPE*), li għe nnominat bħala l-awtorità ċentrali għall-applikazzjoni ta' diversi strumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali. Il-punt ta' kuntatt jista' jipprovi lill-prattikanti Franċiżi u lill-membri tan-network minn pajjiżi oħra tal-UE b'taġħrif espert prattiku fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali u assistenza fis-soluzzjoni għal ostakli f'każijiet transfruntieri.

In-network Franċiż huwa organizzat fil-livell nazzjonali u lokali. Għaldaqstant, jiġi maħtur "imħallef relatur" f'kull Qorti tal-Appell Franċiża u fil-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation*). Ir-rwol tiegħu huwa li jiffaċilita l-kooperazzjoni fil-livell lokali u jinforma lill-ġudikatura dwar l-implimentazzjoni tal-għodod tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili u, b'mod partikolari, dwar id-dritt tal-UE. L-imħallfin relaturi fil-Qrati tal-Appell u fil-Qorti tal-Kassazzjoni jistgħu wkoll jinformaw lill-punt ta' kuntatt nazzjonali dwar id-diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali jgħaddi l-informazzjoni dwar dawn id-diffikultajiet lis-segretarjat tan-network fil-Kummissjoni Ewropea.

Il-professjonijiet l-oħra huma membri u jipparteċipaw fl-attivitàjiet tan-network permezz tal-korp tar-rappreżentanza nazzjonali:

- **L-uffiċjali ġudizzjarji** (*commissaires de justice*, li qabel kienu jissejnu *huissiers de justice*) huma rappreżentati mill-[Kamra Nazzjonali tal-Uffiċjali Ġudizzjarji](#) (*Chambre nationale des commissaires de justice* – CNCJ).
- **L-avukati** huma rappreżentati mill-[Kunsill Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati](#) (*Conseil national des barreaux* – CNB) u mid-[Délégation des barreaux de France](#) (DBF), id-delegazzjoni tas-CNB fi Brussell. It-tabella tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili fuq is-sit web tad-DBF tipprovi informazzjoni sħiħa dwar l-involvement tan-network tal-avukati fi Franza.
- **In-Nutara** huma rappreżentati mill-[Kunsill Superjuri tan-Nutara](#) (*Conseil supérieur du notariat* – CSN).

L-imħallfin ta' kollegament Franċiżi li joperaw fil-pajjiż tal-UE ukoll jiffirmaw parti min-network, kif inhuma wkoll l-awtoritajiet ċentrali nominati għall-applikazzjoni ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ċivili u kummerċjali (pereżempju, l-Uffiċċju għall-irkupru tal-manteniment tal-Ministeru tal-Ewropa u tal-Affarijiet Barranin).

Taħt il-proġett CLUE "Connaître la législation de l'Union européenne" (Għarfien tal-leġiżlazzjoni tal-UE), issusidjat mill-Programm tal-Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea, tawtq diversi azzjonijiet sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili fi Franza. Fis-snin riċenti, il-Proġett CLUE I ippermetta: iż-żieda fil-viżibbiltà tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-għodod tad-dritt tal-UE (permezz tat-tixrid ta' bulletin mensili, [video dwar in-network](#), u sit web iddedikat fuq l-intranet tal-ministeru); u, addizzjonalment, il-promozzjoni tal-iskambju ta' prattiki tajba bejn il-prattikanti (permezz ta' seminars ta' taħriġ dwar id-dritt internazzjonali privat marbut mad-dritt tal-familja u gwida prattika għall-imħallfin relaturi tal-Qorti tal-Appell). Il-proġett il-ġdid CLUE II, li tnedja fi Frar 2021, ikompli fuq l-istess linji, b'ambizzjonijiet addizzjonali (iktar seminars, iktar suġġetti, iktar għodod għat-tixrid tad-dritt tal-UE) u x-xewqa li jiġu kondiviżi l-aqwa prattiki ma' networks nazzjonali oħra.

Darba fis-sena, il-membri kollha tan-network Franċiż jiltaqgħu f'Pariġi sabiex jirrevedu l-attivitàjiet tan-network u biex jiddiskutu l-iżviluppi fid-dritt tal-UE f' materji ċivili u kummerċjali.

Informazzjoni ulterjuri dwar in-network Franċiż tinsab fis-sit web [justice.gouv.fr](#).

L-aħħar aġġornament: 16/01/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [hr](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Dwar in-Networks - il-Kroazja

Fir-Repubblika tal-Kroazja, 2 punti ta' kuntatt joperaw taħt in-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

Il-punti ta' kuntatt huma impjegati fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej, għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u Ġudizzjarja u għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, u fid-Dipartiment għall-Assistenza Legali Internazzjonali u għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja fil-Materji Ċivili tal-Ministeru għall-Ġustizzja u għall-Amministrazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja.

Il-punti ta' kuntatt fid-Dipartiment ta' hawn fuq għandhom diversi uffiċjali li jgħinuhom sabiex il-ħidma taħt in-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (NĠE) fil-fatt titwettaq permezz ta' ħidma f'tim fi ħdan id-Dipartiment għall-Assistenza Legali Internazzjonali u għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja fil-Materji Ċivili, li huma jwettqu flimkien ma' ħidma oħra fi ħdan id-Dipartiment.

Għalkemm il-Kroazja ma għandhiex network nazzjonali formali, il-punti ta' kuntatt jikkooperaw mal-imħallfin u ma' esperti oħrajn mill-Ministeru għall-Ġustizzja u ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn, ma' professuri tal-liġi, ma' nutara u ma' esperti u prattikanti oħrajn f'oqsma legali differenti. Il-Ministeru għax-Xogħol, għas-Sistema tal-Pensjonijiet, għall-Familja u għall-Politika Soċjali huwa involut ukoll fl-operat tan-network u, bħala awtorità ċentrali għal xi regolamenti, huwa jipparteċipa b'mod attiv fil-laqqgħat tan-network organizzat mill-Kummissjoni Ewropea. In-network huwa miftuħ għall-professjonisti legali kollha li jixtiequ u li huma interessati li jipparteċipaw fl-applikazzjoni tal-istrumenti legali Ewropej fil-Kroazja.

Il-komunikazzjoni fil-Kroazja ssir permezz tal-posta elettronika u bit-telefown, u jsiru laqqgħat kif xieraq.

Il-komunikazzjoni mal-punti ta' kuntatt fi Stati Membri oħrajn titwettaq permezz tal-posta elettronika, u l-punti ta' kuntatt u membri oħrajn tan-network jipparteċipaw b'mod regolari fil-laqqgħat tan-NĠE li huma organizzati mill-Kummissjoni Ewropea.

Billi l-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni huwa l-awtorità ċentrali għar-regolamenti individwali, il-punti ta' kuntatt jaqdu l-funzjonijiet tal-awtorità ċentrali, jittirazzmettu u jwieġbu d-domandi tal-punti ta' kuntatt minn Stati Membri oħra (f'kooperazzjoni mal-imħallfin u ġuristi u esperti oħra, f'każ ta' bżonn), jikkomunikaw id-data mitluba lill-Kummissjoni u jwettqu l-idma meħtieġa għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fil-portals rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea. Il-punti ta' kuntatt iqassmu l-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea lill-qrati, lill-membri tal-pubbliku u lil gruppi oħrajn fil-mira u jirsistu sabiex in-network jingħata viżibbiltà akbar.

Kuntatt: [✉ EJNcontact@mpu.hr](mailto:EJNcontact@mpu.hr)

L-aħħar aġġornament: 30/03/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [it](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Dwar in-Networks - Italja

In-network ġudizzjarju Taljan huwa bbażat fil-Ministeru tal-Ġustizzja Taljan, fl-Uffiċċju għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fid-Dipartiment tal-Affarijiet Ġudizzjarji tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja.

Bħalissa hemm ħames punti ta' kuntatt.

Il-punti ta' kuntatt huma f'kuntatt kostanti ma' membri oħra tan-Netwerk, li magħhom jikkollaboraw fl-ipproċessar ta' talbiet għal kooperazzjoni jew fit-tħejija ta' skedi informattivi prattiċi biex jiġu ppubblikati fuq il-Portal tal-e-Ġustizzja.

Il-membri l-oħra tan-network Taljan huma:

id-Dipartiment tal-Ġustizzja għall-Minorenni u Komunitarja (*Dipartimento per la giustizia minorile e di comunità*),

id-Direttorat Ġenerali għas-Sistemi ta' Informazzjoni Awtomatizzati (*Direzione generale per i sistemi informativi automatizzati*, punt ta' kuntatt għall-Portal tal-e-Ġustizzja),

l-awtorità ċentrali għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji,

il-Kamra Nazzjonali tal-Avukati (*Consiglio Nazionale Forense*) u

il-Kunsill tan-Nutara Taljan (*Consiglio Italiano del Notariato*).

Il-punti ta' kuntatt għan-NĠE għandhom ukoll rabtiet ma'

il-Kulleġġ Ġudizzjarju (*Scuola Superiore della Magistratura*),

il-fergħa Taljana tan-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC Net),

l-istruttura tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern fl-Italja u

Pietro Franzina, professur tad-dritt internazzjonali privat fl-Università Kattolika ta' Sacro Cuore, espert li jagħti pariri lill-punti ta' kuntatt.

Bħala regola, il-membri Taljani tan-Netwerk jiltaqgħu darba fis-sena.

Il-punti ta' kuntatt jipprovdu assistenza lill-qrati u lill-uffiċjali legali li jitttrattaw kwistjonijiet transfruntiera.

Il-pubblikazzjonijiet kollha mibgħuta mill-Kummissjoni (fuljetti, sommarji ta' informazzjoni, eċċ.) jitqassmu lill-qrati, lill-uffiċjali legali u lill-partijiet ikkonċernati.

Xi drabi, il-punti ta' kuntatt jirċievu delegazzjonijiet minn Stati Membri oħra li jżuru l-Italja bħala parti mit-taħriġ ġudizzjarju tagħhom.

Qed issir referenza għan-Netwerk fuq is-sit web tal-[Ministeru tal-Ġustizzja](#).

Lista ta' awtoritajiet li jitttrattaw ir-regolamenti l-aktar rilevanti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali:

- **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001;**

Id-Direttiva 8/2003 dwar l-għajnuna legali.

Fiż-żewġ każijiet, l-awtorità ċentrali fl-Italja hija:

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

Id-Dipartiment tal-Affarijiet Ġudizzjarji (*Dipartimento Affari di Giustizia*)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja - Uffiċċju l Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (*Direzione Generale degli Affari internazionali e della Cooperazione Giudiziaria*).

Via Arenula 70,

00186 RUMA

Telefon: +39 06 68852633, +39 06 68852180

Posta elettronika: [✉ cooperation.dginternazionale@giustizia.it](mailto:cooperation.dginternazionale@giustizia.it)

Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika ta' dokumenti

L-awtorità ċentrali fl-Italja hija:

L-Uffiċċju tal-Bailiffs fil-Qorti tal-Appell ta' Ruma (*Ufficio Unico degli Ufficiali Giudiziari presso la Corte d'Appello di Roma*)

Viale Giulio Cesare, 52

00192 RUMA

Telefon: +39 06 328361

Faks: +39 06 328367933

- **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 (Brussell IIa)**

- **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 (obbligi ta' manteniment);**

L-awtorità ċentrali fl-Italja hija:

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

id-Dipartiment tal-Ġustizzja għall-Minorenni u Komunitarja (*Dipartimento per la giustizia minorile e di comunità*),

Via Damiano Chiesa, 24

00136 RUMA

Telefon: +39 06 68188 535/331/326

Faks: +39 06 68808085

Posta elettronika: [✉ autoritacentrali.dgmc@giustizia.it](mailto:autoritacentrali.dgmc@giustizia.it)

L-aħħar aġġornament: 21/07/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Ċipru

F'Ċipru, in-network huwa organizzat minn punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs) li jinnominaw. Bħalissa hemm sitt (6) NCPs: imħallef wieħed, żewġ avukati fl-Uffiċċju Legali tar-Repubblika ta' Ċipru, żewġ uffiċjali fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku (uffiċjal legali wieħed u uffiċjal amministrattiv wieħed) u membru wieħed tal-Kamra tal-Avukati ta' Ċipru.

L-NCPs tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku huma responsabbli sabiex jikkoordinaw is-sitt NCPs. Meta tasal mistoqsija jew talba għal informazzjoni min-network jew inkella talba mill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stat Membru ieħor, l-NCPs tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku jiżguraw li t-talba tintbagħat u li tiġi diskussa mal-NCPs l-oħrajn, sabiex jiġi deċiż liema Awtorità jew Aġenzija Ċiprijotta għandha tiġi nnominata sabiex tittratta t-talba jew tipprovdi l-informazzjoni mitluba.

L-aħħar aġġornament: 07/12/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Latvja

Il-funzjonijiet tal-Punt ta' Kuntatt tan-Network Nazzjonali u r-rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali jitwettqu mid- Dipartiment għall-Kooperazzjoni

Internazzjonali tal-Ministeru għall-Ġustizzja (*Tieslietu ministrijas Starptautiskās sadarbības departments*).

Il-funzjonijiet ewlenin tal-punti ta' kuntatt:

- li jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali jirċievu informazzjoni ġenerali dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, kif ukoll li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għal kooperazzjoni ġudizzjarja tajba bejn l-Istati Membri sabiex jgħinu uhm fit-tnejn ta' talbiet ġudizzjarji eżegwibbli għal assistenza ġudizzjarja;

- li jippruvaw isibu soluzzjonijiet għall-problemi li jistgħu jinqalgħu b'rabta ma' talba għal kooperazzjoni ġudizzjarja;

- li jgħinu biex il-pubbliku jiġi infurmat dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea u dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rilevanti permezz tas-sit tan-network;


- li jikkooperaw u jipparteċipaw fl-organizzazzjoni ta' laqgħat tan-network;

- li jikkontribwixxu għat-tnejn u l-aġġornament tal-informazzjoni maħsuba għall-pubbliku;

- li jiżguraw il-kooperazzjoni fost il-membri tan-network fil-livell nazzjonali.

Skont is-suġġett diskuss, il-punt ta' kuntatt jistieden ukoll lill-esperti minn istituzzjonijiet oħrajn għal-laqgħat tan-Network biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom.

Pereżempju, bosta mħallfin, rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ġustizzja minn diversi setturi, nutara, medjaturi ċċertifikati, rappreżentanti tal-amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija għall-Manteniment (*Uzturīdzekļu garantijas fonds*), rappreżentanti tal-Kunsill tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Tiesu izpildītāju padome*), u akkademiċi attendew laqgħat flimkien mal-punt ta' kuntatt.

Fil-11 ta' Jannar 2023, il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Kummissjoni Ewropea kkonkludew kuntratt għall-implementazzjoni tal-proġett "Tisħiħ tal-kapaċità tan-network ta' kooperazzjoni ġudizzjarja nazzjonali Latvjan fi ħdan in-NĠE" (*Stiprināt Latvijas Nacionālā tiesiskās sadarbības tīkla kapacitātes Eiropas Tiesiskās sadarbības tīkla ietvaros*) (il- proġett LVJUCO). Il-proġett se jipromwvi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti u jinforma l-pubbliku dwar in-network ġudizzjarju nazzjonali.

L-aħħar aġġornament: 05/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Litwanja

Il-persuna ta' kuntatt għan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali huwa l-avukat fil-Grupp tad-Dritt Internazzjonali tal-Ministeru tal-Ġustizzja, li jwettaq ukoll il-funzjonijiet tal-awtorità ċentrali jew kompetenti prevista fl-istrumenti tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili.

Minbarra dawn il-funzjonijiet, il-persuna ta' kuntatt twettaq ukoll funzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, kif stabbilit kemm fl-istrumenti tal-UE kif ukoll fit-trattati multilaterali u bilaterali, u tiegħu sehem ukoll fl-attivitajiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea li jittrattaw kwistjonijiet ċivili.

L-ebda struttura ġudizzjarja nazzjonali formali li tgħaqqad flimkien il-membri tan-Network Nazzjonali ma ġiet stabbilita fil-Litwanja. Il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta man-Network normalment isiru fuq bażi *ad hoc* permezz tal-posta elettronika.

L-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-laqgħat tan-Network u kwistjonijiet oħra relatati mal-attivitajiet tan-Network tiġi rċevuta mill-persuna ta' kuntatt tan-Network maħtura fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, li mbagħad jgħaddi din l-informazzjoni lill-awtoritajiet jew lill-qrati nazzjonali kompetenti (permezz tal-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali) skont il-kwistjoni jew is-suġġett tal-laqgħa. Dan jiżgura li l-informazzjoni u l-mistoqsijiet dwar in-Network jaslu għand il-korp xieraq.

Meta meħtieġ, il-persuna ta' kuntatt u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet u l-qrati kompetenti nazzjonali jibqgħu f'kuntatt ma' xulxin u jittrattaw il-problemi mhux biss bil-posta elettronika iżda wkoll bit-telefon. Il-persuna ta' kuntatt għandha tweġeb personalment għall-mistoqsijiet ippreżentati minn persuni ta' kuntatt f'pajjiżi oħra jew minnufih tibgħathom lill-awtorità kompetenti sabiex tkun tista' tibgħat tweġiba; il-persuna ta' kuntatt tikkoordina wkoll it-trażmissjoni ta' tweġiba lill-kollega li tkun għamlet il-mistoqsija. Il-persuna ta' kuntatt tgħin ukoll lill-qrati biex iwiegħbu għal mistoqsijiet prattiċi dwar il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra li jirriżultaw fil-kors tal-attivitajiet tagħhom u tidderieġi r-rappreżentanti tal-qorti jew ir-rikorrenti lejn it-taqsimha rilevanti tal-Portal tal-e-Ġustizzja biex ifittxu informazzjoni rilevanti.

Fil-Litwanja, il-membri tan-Network u/jew l-awtoritajiet ċentrali responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet stabbiliti fir-Regolament huma l-Ministeru tal-Ġustizzja (u d-dipartimenti interni rispettivi tiegħu), il-maġistrati ta' kollegament, l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati, is-Servizz tal-Għajnuna Legali garantit mill-Istat, is-Servizz Statali għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Minuri u għall-Adozzjoni, il-Kamra tal-Marixxalli Litwana, il-Kamra tan-Nutara Litwana, u l-fergħa Mažeikiai tal-Bord Statali tal-Fond tal-Assigurazzjoni Soċjali.

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni

Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Lussemburgu

Fil-Lussemburgu, il-punti ta' kuntatt u l-membri tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (in-Network) huma kif ġej:

Punti ta' Kuntatt

- **Punt ta' kuntatt maħtur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Parquet Général*)** skont l-Artikolu 2(1)(a) iwettaq il-kompiti ta' "kooperazzjoni ġudizzjarja" previsti fl-Artikolu 3(1)(a), l-Artikolu 5(2)(a) sa (c) u l-Artikolu 5(3) u (4) tad-Deċiżjoni 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

L-imħallef li jservi fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jitttratta t-talbiet għal informazzjoni u l-kooperazzjoni ġudizzjarja magħmula fi ħdan in-Network.

Il-punt ta' kuntatt fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jaġixxi wkoll bħala awtorità ċentrali, b'mod partikolari fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja.

- **Punt ta' kuntatt maħtur fil-Ministeru tal-Ġustizzja** jwettaq il-kompiti amministrattivi previsti fl-Artikolu 3(1)(b), l-Artikolu 5(2)(d) sa (e), l-Artikolu 5(3) u (4) u l-Artikoli 14, 15 u 18 tad-Deċiżjoni 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

Il-punt ta' kuntatt fil-Ministeru tal-Ġustizzja huwa responsabbli għas-segwitu amministrattiv, il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, u b'mod aktar speċifiku mas-Segretarjat tan-Network, u mal-membri tan-Network fil-livell nazzjonali.

Membri tan-Network:

- **L-esperti** maħtura skont l-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

- **L-assoċazzjonijiet professjonali** maħtura skont l-Artikoli 2 u 5a tad-Deċiżjoni 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

Uffiċjali ġudizzjarji (*huissiers de justice*), irrappreżentati mill-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Chambre des huissiers de justice*) tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Avukati (*avocats*), irrappreżentati mill-Kamra tal-Avukati tal-Lussemburgu (*Barreau de Luxembourg*) u mill-Kamra tal-Avukati ta' Diekirch (*Barreau de Diekirch*).

Nutara (*notaires*), irrappreżentati mill-Kamra tan-Nutara (*Chambre des notaires*) tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Interazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt u l-membri tan-Network:

Il-Lussemburgu ma għandux network formalizzat fil-livell nazzjonali.

Il-membri tan-Network huma mistiedna għal-laqqgħat tan-Network abbażi tal-punti li għandhom jiġu diskussi.

L-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-membri tan-Network u l-punti ta' kuntatt isiru permezz ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni jew bit-telefon.

L-aħħar aġġornament: 14/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.


Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Ungerija

Id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat (*Nemzetközi Magánjogi Főosztály*) fil-Ministeru għall-Ġustizzja (*Igazságügyi Minisztérium*) jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt nazzjonali fl-Ungerija. Il-kompiti relatati huma mqassmin fost diversi membri tal-persunal fi ħdan id-Dipartiment, minbarra l-attivitàtjiet l-oħra tagħhom.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat) u l-Ministeru għall-Intern bħala awtoritajiet ċentrali huma membri tan-Network. L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (*Országos Bírósági Hivatal*), bħala awtorità ġudizzjarja oħra, il-Kamra Ungeriża tan-Nutara tad-Dritt Ċivili (*Magyar Országos Közjegyzői Kamara*), il-Kamra tal-Avukati Ungeriża (*Magyar Ügyvédi Kamara*) u l-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Magyar Bírósági Végrehajtói Kar*) bħala organizzazzjonijiet professjonali huma wkoll parti min-Network. Ir-rappreżentanti tal-membri jattendu regolarment il-laqqgħat tan-Network, ovvjament skont xi tkun l-aġenda tal-laqqgħat.

Il-membri Ungeriżi tan-Network m'għandhomx network intern uffiċjali fl-Ungerija. Il-kooperazzjoni bejn il-membri ssir fuq bażi ta' każ b'każ kif meħtieġ.

 **Ikkljkja hawnhekk** biex taċċessa d-dokumenti m'hejjja mid-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat fil-Ministeru għall-Ġustizzja, billi tippreżenta informazzjoni pratika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fl-UE u ma' pajjiżi terzi.

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Malta

Bħalissa hemm tliet (3) punti ta' kuntatt tal-EJN f'Malta. Il-koordinament bejn dawn il-punti ta' kuntatt huwa żgurat mill-fatt li dawn il-punti ta' kuntatt jaħdmu fl-istess uffiċċju u jikkooperaw ma' xulxin il-ħin kollu rigward kull suġġett li jinqala' mill-operazzjoni tan-network f'Malta. Dawn il-punti ta' kuntatt stabbilew sistemi ta' kooperazzjoni bejniethom, li jfissru iktar effiċenza fit-tħaddim tan-network, speċjalment meta jipprovdut informazzjoni lil Prattikanti Privati li jitolbuhom l-informazzjoni.

Dwar in-network nazzjonali

Għajnuna Legali

L-Awtorità ta' Trażmissjoni u li Tirċievi fil-qasam tal-Għajnuna Legali hija l-Avukat tal-Għajnuna Legali, li jopera mir-reġistru tal-Qrati Ċivili, il-Qorti, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, Malta.

In-notifika tad-Dokumenti

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li jinsab Il-Palazz, Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta jaġixxi bħala l-Awtorità Ċentrali kemm bħala Aġenzija ta' Trażmizzjoni kif ukoll bħala Aġenzija li Tirċievi fil-qasam tan-notifika tad-dokumenti. Huwa jieħu ħsieb li jibgħat formoli ta' talbiet u jirċievi dokumenti għan-notifika lil aġenziji ta' trażmissjoni barranin u dawn id-dokumenti mbagħad jingħaddew lil persuna inkarigata fil-Qorti għan-notifika skont il-liġijiet proċedurali ta' Malta applikabbli għan-notifika tad-dokumenti.

Bħala parti mill-attivitàtjiet tagħha waqt in-notifika tad-dokumenti, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-kapaċità tiegħu ta' Aġenzija ta' Trażmizzjoni u/jew li Tirċievi, jikkoopera wkoll mar-rikorrenti u/jew ir-rappreżentant legali tagħhom sakemm issir in-notifika.

Talbiet Żgħar

Il-forum kompetenti għal din it-taqsimha huwa t-Tribunal għal Talbiet Żgħira, li jopera mill-Qorti, il-Belt Valletta. L-appelli għad-deċiżjonijiet ta' dan it-Tribunal, imbagħad, jinSTEMGħu mill-Qorti tal-Appell fil-Ġurisdizzjoni Inferjuri tagħha, li wkoll topera mill-Qorti, il-Belt Valletta.

L-awtorità kompetenti f'kull każ tiddependi mir-residenza tal-persuna li l-eżekuzzjoni qed tintalab kontriha. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandhom kompetenza fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' eżekuzzjoni u anke għall-finijiet tal-Artikolu 23, skont l-Artikolu 10(4) tal-[Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħira](#) (il-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Ġbir tal-Provi

Il-Korp Ċentrali huwa l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-Belt Valletta.

Il-Qrati Mitluba huma:

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) jew (Ġurisdizzjoni Inferjuri)

Il-Qrati għandhom il-ġurisdizzjoni li jeżekwixxu ittri ta' talba li jsiru skont it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali.

L-aħħar aġġornament: 22/05/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Olanda

Punti ta' kuntatt u membri tan-Network fin-Netherlands

Fin-Netherlands għe stabbilit punt ta' kuntatt ċentrali fil-Ministeru tas-Sigurtà u l-Ġustizzja. Għe appuntat ukoll punt ta' kuntatt għall-materji ta' ġurisdizzjoni. Flimkien mal-punti ta' kuntatt, l-assoċjazzjonijiet professjonali għall-professjonijiet ġuridiċi liberi (avukati, servizzi notarili u marixxalli tal-qorti) huma wkoll membri tan-Network.

Abbażi ta' diversi regolamenti (inkluż ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003, ir-Regolament (KE) Nru 4/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1393/2001), l-awtoritajiet ċentrali huma wkoll membri tan-Network.

Il-komunikazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (f'dan il-każ, is-segretarjat tan-NĠE-ċivil) normalment isseħħ permezz tal-punt ta' kuntatt ċentrali. Dan jggarantixxi li, fejn ikun ta' rilevanza, l-informazzjoni u l-mistoqsijiet jaslu għand l-awtorità t-tajba.

Il-punti ta' kuntatt u l-membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet ċentrali, ta' sikwit jikkomunikaw direttament bejniethom u mal-punti ta' kuntatt u l-membri fi Stati Membri oħra.

Il-membri jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħat tan-Network, skont il-punti li jkun hemm fuq l-aġenda.

Il-punti ta' kuntatt u l-membri Netherlandiżi jorganizzaw ukoll laqgħa annwali. Din il-laqgħa sservi ta' opportunità għad-diskussjoni tal-attivitajiet tan-Network u għall-eżaminar ta' oqsma li fihom jista' jsir titjib fil-komunikazzjoni reċiproka.

L-aħħar aġġornament: 10/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Awstrija

L-Awstrija stabbilit fil-Ministeru Federali għall-Ġustizzja (id-Dipartiment I 9), punt ta' kuntatt ċentrali li jindirizza mistoqsijiet *legali* minn punti ta' kuntatt barranin li jsiru permezz tan-network, iwettaq diversi kompiti relatati mal-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni u jorganizza u jeditja l-entrati Awstrijaċi tal-iskedi informattivi tan-network li jiġu ppubblikati fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, ġew innominati żewġ imħallfin bħala punti ta' kuntatt għal kull waħda mill-erba' ġurisdizzjonijiet (tlieta għall-ġurisdizzjonijiet ta' Vjenna u Linz) tal-Qorti Reġjonali Superjuri (*Oberlandesgericht*). Dawn jipprovdu assistenza u appoġġ lill-punti ta' kuntatt barranin u lill-qrati Awstrijaċi f'kawżi individwali li jinvolvu kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera (bħal meta jkun hemm diffikultajiet fil-kompilazzjoni tax-xhieda jew fin-notifika tad-dokumenti transfruntiera). Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, il-punti ta' kuntatt barranin għandhom jikkuntattjaw lill-punt ta' kuntatt ġudizzjarju lokali rilevanti u mhux lill-punt ta' kuntatt ċentrali fil-Ministeru Federali għall-Ġustizzja. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna tinkludi l-provinċji ta' Vjenna, l-Awstrija t'Isfel u Burgenland; il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz tinkludi l-provinċji tal-Awstrija ta' Fuq u Salzburg, dik tal-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Innsbruck tinkludi l-provinċji ta' Tiroli u Vorarlberg u l-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz hija responsabbli għall-provinċji ta' Steiermark u Kärnten.

L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-**punti ta' kuntatt Awstrijaċi (u barranin) tan-NĠE** jistgħu jiġu aċċessati permezz tal-link li ġejja: <https://e-justice.europa.eu/contactPoint.do>.

Individwi privati/partijiet fil-proċedimenti jew ir-rappreżentanti legali tagħhom ma jistgħux jikkuntattjaw lill-punti ta' kuntatt tan-network direttament.

Madankollu, huma jistgħu jitolbu lill-imħallf li jmxexxi l-proċedimenti sabiex jirreferihom għal punt ta' kuntatt.

Il-Kamra tal-Avukati Awstrijaċi (*Österreichischer Rechtsanwaltskammertag*) u l-Kamra tan-Nutara Awstrijaċi (*Österreichische Notariatskammer*) ilhom jagħmlu parti min-Network Ġudizzjarju Ewropew mill-1 ta' Jannar 2011; madankollu, skont id-Deċiżjoni tan-NĠE-ċivili tat-28 ta' Mejju 2001 (2001/470/KE), kif emendata bid-Deċiżjoni 568/2009/KE tat-18 ta' Ġunju 2009, dawn ma għandhomx il-kompetenza biex jittrattaw kawżi individwali.

Il-Kamra tal-Avukati Awstrijaċi

1010 Vienna, Wollzeile 1–3

Tel.: +43/1/535-1275, Fax: +43/1/535-1275-13

Email: rechtsanwaelte@oerak.at

Lingwi: Il-Ġermaniż u l-Ingliż

Il-Kamra tan-Nutara Awstrijaċi

1010 Vienna, Landesgerichtsstraße 20

Tel.: +43/1/402 45 09 0, Faks: +43/1/406 34 75

Email: kammer@notar.or.at

Lingwi: Il-Ġermaniż, il-Franċiż u l-Ingliż

L-aħħar aġġornament: 26/03/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Polonja

Fil-Polonja, hemm 12-il punt ta' kuntatt tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali. Punt ta' kuntatt wieħed jinsab fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-punti ta' kuntatt l-oħra jinsabu fi f'dax-il qorti reġjonali u jinkludu l-ġurisdizzjoni tal-qrati superjuri tal-appell (minn hawn 'il quddiem: "punti ta' kuntatt ġudizzjarji").

Il-punt ta' kuntatt fil-Ministeru tal-Ġustizzja jwieġeb għal mistoqsijiet dwar il-liġi ċivili u kummerċjali Pollakka u jibgħat lill-punt ta' kuntatt ġudizzjarju kompetenti mistoqsijiet dwar l-eżekuzzjoni ta' talba għal assistenza legali reċiproka, sakemm il-mistoqsija ma tkunx intbagħtet direttament lill-punt ta' kuntatt ġudizzjarju.

Il-punt ta' kuntatt fil-Ministeru tal-Ġustizzja jirċievi informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-laqqgħat tan-netwerk u kwistjonijiet oħra u mbagħad jgħaddiha lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew lill-qrati, skont il-kwistjoni jew is-suġġett tal-laqqgħa.

Il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-punti ta' kuntatt fil-Polonja hija żgurata mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali jinkludi wkoll il-koordinaturi tal-imħallfin għall-kooperazzjoni internazzjonali u drittijiet tal-bniedem fi kwistjonijiet ċivili li jassistu lill-persuni li jaġixxu bħala punti ta' kuntatt ġudizzjarji. Il-koordinaturi tal-imħallfin iwettqu l-kompiti tagħhom fil-qrati kollha fil-ġurisdizzjoni tal-qorti reġjonali kkonċernata, jiġifieri l-qorti reġjonali u l-qrati distrettwali li jinsabu fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti reġjonali. Jekk il-qorti tal-appell tkun tinsab fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti reġjonali, il-koordinaturi jwettqu l-attivitajiet tagħhom ukoll f'dik il-qorti.

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali jinkludi wkoll il-korpi ċentrali indikati fir-Regolament (UE) Nru 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni); Ir-Regolament (UE) 2020/1783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kompilazzjoni ta' xhieda) (riformulazzjoni); l-awtorità ċentrali fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u l-kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar ħtif internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) u l-awtorità ċentrali fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment.

L-aħħar aġġornament: 15/05/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [pt](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Dwar in-Networks - Portugall

Punt ta' Kuntatt

Il-Portugall ħatar punt ta' kuntatt għan-NĠE (in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali). Il-punt ta' kuntatt huma mħallef maħtur mill-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura (*Conselho Superior da Maġistratura*) permezz ta' proċedura tal-għażla kompetittiva (*concurso*).

Network Nazzjonali

Dawn li ġejjin huma parti min-network nazzjonali: l-awtoritajiet ċentrali kif speċifikati fl-istrumenti legali tal-UE, fi strumenti legali internazzjonali oħrajn li għalihom huwa parti l-Portugall jew f'dispożizzjonijiet legali nazzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma ċivili u kummerċjali; l-awtoritajiet amministrattivi b'responsabbiltajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma ċivili u kummerċjali; u l-assoċjazzjonijiet professjonali li jirrapreżentaw lill-prattikanti legali involuti direttament fl-applikazzjoni tal-istrumenti internazzjonali u tal-UE marbuta mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma ċivili u kummerċjali. In-network nazzjonali ma għandux imħallfin jew esperti ta' kollegament fost il-membri tiegħu.

Membri Nazzjonali tan-Netwerk

Minbarra l-punt ta' kuntatt, l-istruttura nazzjonali tan-network għandha 13-il membru:

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja (*Direcção-Geral da Política de Justiça*)

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (*Direcção-Geral da Administração da Justiça*)

Id-Direttorat-Ġenerali għas-Servizzi tal-Fjabs u r-Riintegrazzjoni (*Direcção-Geral de Reinserção e Serviços Prisionais*)

L-Istitut tar-Reġistrazzjoni u l-Affarjiet Notarili (*Instituto dos Registos e do Notariado, I.P.*)

L-Istitut tal-Ġestjoni Finanzjarja u l-Infrastruttura tal-Ġustizzja (*Instituto de Gestão Financeira e Equipamentos da Justiça, I.P.*)

Il-Kunsill tal-Medjaturi (*Conselho dos Julgados de Paz*)

L-Istitut tas-Sigurtà Soċjali (*Instituto de Segurança Social, I.P.*)

Il-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Reati (*Comissão de Protecção às Vítimas de Crimes*)

Imħallef min-Netwerk Internazzjonali tal-Aja tal-Imħallfin

Il-Kamra tal-Avukati (*Ordem dos Advogados*)

L-Assoċjazzjoni tas-Solicitors u l-Aġenti ta' Eżekuzzjoni (*Ordem dos Solicitadores e dos Agentes de Execução*)

L-Assoċjazzjoni tan-Nutara (*Ordem dos Notários*)

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (*Procuradoria-Geral da República*)

L-Awtoritajiet Ċentrali

Mill-membri msemmija hawn fuq, li ġejjin huma awtoritajiet ċentrali jew entitajiet li jistgħu jwettqu ċertu kompiti previsti fil-liġi tal-UE:

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja - il-Ministeru għall-Ġustizzja

Ir-Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008

Ir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-25 ta' Novembru 2020

Ir-Regolament (UE) 2020/1783 tal-25 ta' Novembru 2020

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1970 dwar it-Teħid ta' Evidenza Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forum Oħra ta' Manteniment tal-Familja

Il-Konvenzjoni ta' New York tal-1956 dwar l-Irkupru Barra mill-Pajjiż tal-Manteniment

Id-Direttorat-Ġenerali għar-Riabilitazzjoni u għas-Servizzi tal-Ħabs – il-Ministeru għall-Ġustizzja

Ir-Regolament (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019

Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ftif Internazzjonali ta' Minuri

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Eżekuzzjoni u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal

L-Istitut tal-Uffiċċji tar-Reġistri u n-Nutara - il-Ministeru għall-Ġustizzja

Ir-Regolament (KE) Nru 650/2012 tal-4 ta' Lulju 2012

L-Istitut tas-Sigurtà Soċjali – Ministeru għas-Solidarjetà u s-Sigurtà Soċjali (*Ministério da Solidariedade e da Segurança Social*)

Id-Direttiva 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003

Il-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Reati – il-Ministeru għall-Ġustizzja

Id-Direttiva 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004

L-Uffiċċju tal-Prosekutur-Ġenerali

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti

Il-Koordinazzjoni tan-Network Nazzjonali f'sistema mhux ġerarkika

Fil-Portugall, in-network nazzjonali ma huwiex ġerarkiku. Il-koordinazzjoni, li hija r-responsabbiltà tal-punt ta' kuntatt, hija bbażata fuq kooperazzjoni volontarja bejn il-membri nazzjonali, li jipparteċipaw b'mod regolari f'laqgħat trimestrali organizzati mill-punt ta' kuntatt. Kull fejn l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE teħtieġ bidliet fis-sistema nazzjonali, isiru laqgħat li għalihom jistgħu jattendu biss il-membri nazzjonali kkonċernati.

In-network ma għandux membri esperti. Jekk għal kwistjoni partikolari jkun hemm bżonn l-opinjoni ta' espert, il-punt ta' kuntatt jitleb il-kooperazzjoni tal-aktar awtorità nazzjonali xierqa fuq bażi informali u volontarja. Il-membri nazzjonali kollha jitħeġġu regolarment mill-punt ta' kuntatt sabiex jikkoooperaw fl-oqsma speċifiċi taħt il-mandat u r-responsabbiltà tagħhom rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma ċivili u kummerċjali.

L-aħħar aġġornament: 10/08/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Rumanija

In-Network tal-Korrispondenti Lokali għall-Assistenza Ġudizzjarja Internazzjonali (*Rețeaua de corespondenți locali în domeniul asistenței judiciare internaționale*) twaqqaf fl-2001 wara Ordni tal-Ministeru tal-Ġustizzja, abbażi tal-mudell tan-Network Ġudizzjarju Ewropew. F'Marzu 2004, wara żewġ Ordnijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja, in-Network ġie organizzat mill-ġdid f'żewġ networks speċjalizzati: in-Network Ġudizzjarju Rumen f'Materji Kriminali (*Rețeaua Judiciară Română în materie penală*, li jikkorrispondi għan-Network Ġudizzjarju Ewropew) u n-Network Ġudizzjarju Rumen f'Materji Ċivili u Kummerċjali (*Rețeaua Judiciară Română în materie civilă și comercială*, li jikkorrispondi għan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili u Kummerċjali). Iż-żewġ networks ġew organizzati mill-ġdid għadd ta' drabi (fl-2005, fl-2007, fl-2010, fl-2014, fl-2016, fl-2019 u fl-2022), wara emendi għal-liġi tal-UE rilevanti u bidliet fil-persunal li jaħdem fis-sistema ġudizzjarja nazzjonali.

L-aħħar aġġornament sar bl-Ordni Nru 3501/C tal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2022 b'konformità mad-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001. L-Ordni thejjet b'konformità mal-Ordni tal-Gvern Nru 123/2007 dwar ċerti miżuri għat-tisfih tal-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, approvata b'emendi skont il-Liġi Nru 85/2008.

In-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali jikkorrispondi għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali fil-livell nazzjonali.

Ir-Rumanija nnominat żewġ punti ta' kuntatt għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali. Il-punti ta' kuntatt għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali jinsabu fi f'dan il-Ministeru tal-Ġustizzja. Dan jiżgura li d-dmirijiet tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali jkunu ssodisfati.

F'konformità mal-Artikolu 6 [tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE], in-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali huwa magħmul minn imħallef wieħed mid-Diviżjoni Ċivili I u mħallef wieħed mid-Diviżjoni Ċivili II (li qabel kienet Materji Kummerċjali) mill-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (*Înalta Curte de Casație și Justiție*); imħallef wieħed mid-Diviżjoni Ċivili I u ieħor mid-Diviżjoni Ċivili II (li qabel kienet Materji Kummerċjali) tal-qrati tal-appell; imħallef wieħed minn kull qorti/diviżjoni speċjalizzata fi kwistjonijiet tal-minuri u tal-familja li jspeċjalizza fi kwistjonijiet ċivili relatati mas-sekwestru internazzjonali ta' minuri u l-għoti ta' indennizzi għall-vittmi tal-kriminalità; uffiċjali mid-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja li jaqdu wkoll id-dmirijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja bħala l-awtorità ċentrali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali; u rappreżentant maħtur minn kull waħda mill-assoċjazzjonijiet professjonali tan-nutara pubbliċi (*notari publiċi*), tal-uffiċjali ġudizzjarji tal-eżekuzzjoni (*executori judecătorești*) u tal-avukati (*avocați*) fir-Rumanija. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali huma membri sħaħ tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali.

L-imħallfin li huma membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen inħatru b'deċiżjoni tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (*Consiliul Superior al Magistraturii*).

Il-membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali huma elenkati fl-Anness tal-Ordni Nru 3501/C tal-Ministru tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2022. L-Anness huwa parti integrali tal-Ordni.

Il-membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen f'Materji Ċivili u Kummerċjali - Imħallfin mill-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, il-qrati tal-Appell, il-qrati/id-diviżjonijiet speċjalizzati għall-kwistjonijiet tal-minuri u tal-familja u t-Tribunal ta' Bucharest (imħallfin ta' kollegament fin-Network Internazzjonali ta' The Hague għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ftif Internazzjonali ta' Minuri u mħallef maħtur mill-Kummissjoni għall-għoti ta' indennizzi għall-vittmi tal-kriminalità):

Il-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (*Înalta Curte de Casație și Justiție*)

Denisa-Livia BĂLDEAN Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Adina-Georgeta PONEA Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Andreia-Liana CONSTANDA Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Roxana POPA Imħallef, Diviżjoni Ċivili II

Il-Qorti tal-Appell (*Curtea de Apel*) ta' Alba Iulia

Cristina-Gheorghina NICOARĂ Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Adina-Camelia IFTIMUȘ Imħallef, Diviżjoni Ċivili II

Il-Qorti tal-Appell ta' Bacău

Sorina CIOBANU Imħallef, President, Diviżjoni Ċivili I

Loredana ALBESCU Imħallef, President, Qorti tal-Appell ta' Bacău

Il-Qorti tal-Appell ta' Braşov

Elena-Clara CIAPĂ Imħallef, Diviżjoni Ċivili

Simona-Petrina GAVRILĂ Imħallef, Diviżjoni Ċivili

It-Tribunal tal-Kwistjonijiet tal-Minuri u tal-Familja ta' Braşov (Tribunalul pentru Minori și Familie)

Andrei IACUBA Imħallef, Tribunal tal-Kwistjonijiet tal-Minuri u tal-Familja ta' Braşov

Il-Qorti tal-Appell ta' Bucharest

Andreea-Florina MATEESCU Imħallef, Diviżjoni Ċivili III

Dorina ZECA Imħallef, Diviżjoni Ċivili IV

Maria-Cristina FINTOC Imħallef, Diviżjoni Ċivili IV

Ştefan-Ciprian CMECIU Imħallef, Diviżjoni Ċivili V

Felix-Lucian ŞALAR Imħallef, Diviżjoni Ċivili VI

Romeo GLODEANU Imħallef, Diviżjoni Ċivili V

Bogdan CRISTEA Imħallef, Diviżjoni VIII - Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa

It-Tribunal ta' Bucharest

Anca Magda VOICULESCU, Imħallef, Diviżjoni Ċivili IV (imħallef ta' koordinament fin-Network Internazzjonali ta' The Hague għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ftif Internazzjonali ta' Minuri)

Sorin-Vasile IVANCIUC, Imħallef, President tad-Diviżjoni Kriminali I, it-Tribunal ta' Bucharest, il-Kummissjoni għall-Konċessjoni ta' Kumpensi għall-Vittmi tal-Kriminalità

Il-Qorti tal-Appell ta' Cluj

Axente-Irinel ANDREI Imħallef, President tad-Diviżjoni Ċivili II

Il-Qorti tal-Appell ta' Constanţa

Luminiţa-Marinela DAN Imħallef, Diviżjoni Ċivili II

Ecaterina GRIGORE Imħallef, Diviżjoni tal-Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa

Il-Qorti tal-Appell ta' Craiova

Lotus-Manuela GHERGHINĂ Imħallef, Diviżjoni Ċivili II

Gabriela IONESCU Imħallef, President tad-Diviżjoni Ċivili I

Il-Qorti tal-Appell ta' Galaţi

Aneta-Luminiţa CRISTEA Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Cosmin-Răzvan MIHĂILĂ Imħallef, President tal-Qorti tal-Appell ta' Galaţi

Andreea ARHIP Imħallef, President tad-Diviżjoni Ċivili II

Alexandru BLEOANCĂ Imħallef, Diviżjoni Ċivili II, Viċi President tal-Qorti tal-Appell ta' Galaţi

Il-Qorti tal-Appell ta' Iaşi

Maria-Cristina POPA Imħallef, President tad-Diviżjoni Ċivili

Elena-Crizantema PANAINTE Imħallef, Diviżjoni tat-Tilwim Industrijali u s-Sigurtà Soċjali

Alina-Gilina PRELIPCEAN Imħallef, Diviżjoni tat-Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa, Viċi President tal-Qorti tal-Appell ta' Iaşi

Il-Qorti tal-Appell ta' Oradea

Dorina-Mihaela BEREŞ Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Marcela FILIMON Imħallef, President tad-Diviżjoni Ċivili II - Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa

Piteşti Court of Appeal

Emilia-Raluca TRANDAFIR President, Qorti tal-Appell ta' Piteşti

Corina PINCU IFRIM Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Maria-Ruxandra DANCIU Imħallef, Diviżjoni Ċivili II - Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa

Alina PAVELESCU Imħallef, Diviżjoni Ċivili, Tribunal ta' Argeş

Beatrix-Yvone Vesna PIESS-MALIMARCOV Imħallef, Awla Ċivili, Tribunal ta' Vâlcea

Il-Qorti tal-Appell ta' Ploieşti

Adriana-Maria RADU Imħallef, President tad-Diviżjoni Ċivili I

Aida-Liliana STAN Imħallef, Diviżjoni Ċivili II - Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa

Ionel STĂNESCU Imħallef, Diviżjoni Ċivili II - Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa, Viċi President tal-Qorti tal-Appell ta' Ploieşti

Il-Qorti tal-Appell ta' Suceava

Ştefania-Fulga ANTON Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Ana-Maria TURCULET Imħallef, President tad-Diviżjoni Ċivili II

Marius-Ionel GALAN Imħallef, President tad-Diviżjoni tat-Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa

Il-Qorti tal-Appell ta' Târgu Mureş

Andreea CIUCĂ Imħallef, President tal-Qorti tal-Appell ta' Târgu Mureş

Adriana-Loredana BERINDEAN Imħallef, Diviżjoni Ċivili II - Tilwim Amministrattiv u tat-Taxxa

Il-Qorti tal-Appell ta' Timişoara

Mădălina JEBELEAN Imħallef, Diviżjoni Ċivili I

Ramona-Ioana RISTEA Imħallef, Diviżjoni Ċivili II

Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali - Professionisti legali li għandhom status ekwivalenti għal dak tal-imħallfin u l-prosekuturi

Flavius-George PĂNCESCU Kap tas-Servizz, Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali f'Materji Ċivili u Kummerċjali, id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, Ministeru tal-Ġustizzja

Ioana BURDUF (operatur fil-qasam tal-ġustizzja li għandu status ekwivalenti għal dak ta' mħallef jew prosekutur), id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, Ministeru tal-Ġustizzja

Il-membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali - Operaturi fil-qasam tal-ġustizzja li għandhom status ekwivalenti għal dak tal-imħallfin u l-prosekuturi li jwettqu d-dmirijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja bħala l-awtorità ċentrali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u li jipprovdu s-segretarjat tan-Network

Camelia TOBĂ (professjonista legali li għandha status ekwivalenti għal dak ta' mħallef jew prosekutur), id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, Ministeru tal-Ġustizzja

Il-Membri tan-Network Ġudizzjarju Rumeni fil-Materji Ċivili u Kummerċjali - Rappreżentant wieħed maħtur minn kull wieħed mill-Presidenti tal-Unjonijiet Nazzjonali tan-Nutara Pubbliċi, tal-Uffiċjali Ġudizzjarji u tal-Kmamar tal-Avukati fir-Rumanja

Octavian ROGOJANU, Nutar Pubbliku (*notar public*), Segretarju tal-Kunsill tal-Unjoni Nazzjonali Rumena tan-Nutara Pubbliċi

Constantin Adrian STOICA, uffiċjal ġudizzjarju tal-eżekuzzjoni, Unjoni Nazzjonali Rumena tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Uniunea Executorilor Judecătorești din România*)

Costea-Corin C. DĂNESCU, avukat, Unjoni Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Kamra tal-Avukati Rumena (*Uniunea Națională a Barourilor din România*)
L-aħħar aġġornament: 03/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna **sl** ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: **en** diġà ġew tradotti.

Dwar in-Networks - Slovenja

In-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali (NĠE) jopera fis-Slovenja permezz ta' 3 punti ta' kuntatt u 16-il membru tan-network.

Il-punti ta' kuntatt huma impjegati tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tas-Slovenja. B'dan il-mod, ħidmet il-punti ta' kuntatt tista' tiġi armonizzata u kkoordinata kuljum.

Il-Qrati distrettwali, li hemm 11 minnhom fir-Repubblika tas-Slovenja, huma awtorizzati jipprovdu għajnuna legali internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali. Fid-dawl ta' dan, is-Slovenja, b'konformità mal-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, ħatret rappreżentant minn kull qorti distrettwali bħala membru tan-NĠE. Barra minn hekk, is-Slovenja ħatret żewġ membri tan-network speċjalizzati (imħallfin) li huma kompetenti fi kwistjonijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji familjari, b'imħallef minnhom ikun impjegat fil-qorti distrettwali u l-ieħor fil-Ministeru tal-Ġustizzja.

L-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi NĠE fl-2009 għamlet possibbli l-kooperazzjoni ma' professjonijiet ġudizzjarji oħrajn fi ħdan in-NĠE. Mill-2011 'il quddiem, il-Kamra tan-Nutara tas-Slovenja (*Notarska zbornica Republike Slovenije*), il-Kamra tal-Avukati tas-Slovenja (*Odvetniška zbornica Republike Slovenije*) u l-Kamra tal-Uffiċjali Eżekuttivi tas-Slovenja (*Zbornica izvršiteljev Slovenije*) ukoll kienu membri tan-network.

L-involvement ta' mħallfin u professjonisti legali oħrajn fin-NĠE huwa importanti għall-ksib tal-għanijiet tan-NĠE, peress li jiżgura kooperazzjoni diretta bejn l-imħallfin u l-professjonijiet legali l-oħrajn, li hija importanti għar-riżoluzzjoni b'inqas intoppi ta' kawżi speċifiċi quddiem il-qrati.

Il-punti ta' kuntatt tal-membri tan-NĠE jikkomunikaw ma' xulxin spiss u meta jkun hemm bżonn, inkluż permezz tal-posta elettronika, bit-telefown u wiċċ imb wiċċ, u jiltaqgħu fl-aqgħat annwali fil-livell nazzjonali.

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Slovakkja

Bħalissa, il-membri Slovakkji tan-Network huma:

erba' punti ta' kuntatt mill-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakkja (id-Dipartiment tad-Dritt Internazzjonali Privat (Odbor medzinárodného práva súkromného) tat-Taqsima tad-Dritt Internazzjonali (Sekcia medzinárodného práva)).

maġistrat ta' kollegament fil-liġi tal-familja;

rappreżentanti ta' awtoritajiet ċentrali oħrajn definiti fl-istrumenti tal-UE:

iċ-Ċentru għall-Protezzjoni Legali Internazzjonali tat-Tfal u ż-Żgħirażgħ (Centrum pre medzinárodnoprávnu ochranu detí a mládeže),

iċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali (Centrum právnej pomoci);

rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet professjonali:

il-Kamra tal-Avukati Slovakkja (Slovenská advokátska komora),

il-Kamra tan-Nutara tar-Repubblika Slovakkja (Notárska komora Slovenskej republiky),

il-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Slovakkja (Slovenská komora exekútorov);

Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali fis-Slovakkja għe stabbilit network ġudizzjarju fil-materji ċivili (Súdna sieť pre občianske veci Slovenskej republiky) bl-għan li jiġi żgurat l-involvement effettiv tar-Repubblika Slovakkja fin-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali. In-network Ġudizzjarju Slovakk fil-materji ċivili jinkludi punti ta' kuntatt (imħallfin jew uffiċjali ġudizzjarji anzjani) minn kull qorti distrettwali (okresný súd) u qorti reġjonali (krajský súd), kif ukoll mill-Qorti Suprema (Najvyšší súd).

L-aħħar aġġornament: 06/05/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Finlandja

Punti ta' kuntatt fil-Finlandja

Il-punti ta' kuntatt fil-Finlandja huma żewġ uffiċjali maħturin li jaħdmu fl-Uniunità għall-Assistenza Legali Internazzjonali fil-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-punt ta' kuntatt huwa ta' uniunità li taġixxi bħala l-awtorità ċentrali għal bosta regolamenti tal-UE u ftehimiet internazzjonali fil-qasam tad-dritt ċivili u kriminali. Minbarra n-networking, id-dmirijiet tal-punt ta' kuntatt jinkludu kompiti ta' awtorità ċentrali u kooperazzjoni oħra fid-dritt ċivili.

Il-punt ta' kuntatt għandu indirizz tal-posta elettronika separat għall-qrati u għall-awtoritajiet legali u amministrattivi l-oħrajn involuti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji tad-dritt ċivili u kummerċjali li jkunu jeħtieġu assistenza Prattika bi problemi relatati ma' kawżi transfruntiera.

Il-punt ta' kuntatt jaħdem attivament mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, mal-avukati u mal-professjonisti legali l-oħrajn. Il-kompiti tal-punt ta' kuntatt jinkludu t-tixrid tal-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet legali tad-dritt ċivili u kummerċjali tal-UE u l-applikazzjoni Prattika tagħhom kif ukoll jipprovdu taħriġ fi

kwistjonijiet relatati. Il-punt ta' kuntatt jgħin ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali bi problemi relatati ma' talbiet transfruntieri għall-għajnuna u huwa involut attivament f'networks rilevanti u gruppi ta' ħidma.

Il-Kamra tal-Avukati Finlandiża nħatret membru tan-Network skont l-Artikolu 2(1)(e) tad-deċiżjoni tat-twaqqif.

Minbarra l-punt ta' kuntatt u l-Kamra tal-Avukati Finlandiża, il-membri tan-network tad-dritt ċivili Finlandiż jipparteċipa fil-ħidma tan-Network (ara hawn taħt għal aktar dettalji).

In-network nazzjonali Finlandiż f'kawżi ta' dritt ċivili transfruntiera

Fl-2016, fil-Finlandja ġie stabbilit network nazzjonali għall-kawżi ċivili transfruntiera.

Il-ħidma tan-network nazzjonali tinkludi l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iżgurar tal-fluss ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tad-dritt ċivili tal-UE u s-sorsi assoċjati ta' informazzjoni bejn in-network tad-dritt ċivili Ewropew u kemm l-awtoritajiet ġudizzjarji Finlandiżi kif ukoll professjonisti legali oħrajn.

Ir-rappreżentanti tal-qrati lokali, il-qrati tal-appell, l-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni, l-Awtorità tal-Għajnuna Legali, il-Kamra tal-Avukati Finlandiża u l-Ministeru tal-Ġustizzja nħatru għan-network nazzjonali. Il-punt ta' kuntatt tan-Network fil-Finlandja jikkoordina l-operazzjonijiet tan-network.

In-network nazzjonali jiltaqa' darbtejn fis-sena. Ir-rappreżentanti tan-network nazzjonali jieħdu sehem ukoll fil-laqgħat u fil-ħidma tan-network Ewropew tad-dritt ċivili.

L-aħħar aġġornament: 15/02/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Svezja

L-lżvezja appuntat persuna li taħdem fit-Taqsima għad-Dritt Proċedurali u l-Kwistjonijiet tal-Qrati fil-Ministeru tal-Ġustizzja bħala l-punt ta' kuntatt għan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili u Kummerċjali, u persuna li taħdem fit-Taqsima għall-Politika dwar il-Kriminalità fil-Ministeru tal-Ġustizzja bħala l-punt ta' kuntatt għall-Portal tal-e-Ġustizzja.

Il-membri Żvediżi tan-network huma l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati tal-lżvezja, il-Kamra tal-Avukati tal-lżvezja, l-Awtorità Żvediża tal-Eżekuzzjoni, l-Aġenzija Żvediża tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Awtorità tal-Liġi tal-Familja u l-Appoġġ tal-Ġenituri u l-Awtorità Żvediża għall-Kumpens u l-Appoġġ tal-Vittmi, kif ukoll żewġ awtoritajiet ċentrali (it-Taqsima għall-Kawżi Penali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fil-Ministeru tal-Ġustizzja u fid-Dipartiment għall-Affarijiet Konsulari u l-Liġi Ċivili fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin).

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - L-Ingilterra u Wales

Il-Punti ta' Kuntatt

Hemm punt ta' kuntatt wieħed għal kull waħda mill-erba' ġurisdizzjonijiet legali tar-Renju Unit. Billi kull ġurisdizzjoni hija separata, ma hemm l-ebda trikkib bejn il-ħidma ta' dawn il-punti ta' kuntatt, li kull wieħed minnhom għandu responsabbiltà unika għan-Network fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Il-mistoqsijiet li jsiru permezz tan-NĠE għandhom jintbagħtu lill-punt ta' kuntatt rilevanti għall-ġurisdizzjoni kkonċernata.

Il-punt ta' kuntatt għall-Ingilterra u Wales jaħdem fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice) f'Londra. Huwa assistit minn membru tal-persunal u jista' jirrikorri għal għadd ta' kollegi meta jitratta xogħol tan-Network. Ix-xogħol tan-network jiġi kkombinat ma' kompiti oħrajn.

Il-funzjonament tan-NĠE fl-Ingilterra u Wales

Ma jeżisti l-ebda network nazzjonali formali fl-Ingilterra u Wales. Fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice), madankollu, ġie żviluppat network ta' persuni li huma esperti f'oqsma ta' politika partikolari li għalihom jista' jirrikorri l-punt ta' kuntatt għal tweġibiet għall-mistoqsijiet li jitqajmu.

Ġew żviluppati wkoll kuntatti f'Ministeri rilevanti oħrajn li għalihom jista' jirrikorri l-punt ta' kuntatt għal pariri jew għal tweġibiet għall-mistoqsijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' dak il-Ministeru. Il-punt ta' kuntatt jaħdem ukoll mill-qrib ma' oħrajn li huma l-membri estiżi tan-Network għall-Ingilterra u Wales, inkluż għadd ta' mħallfin speċjalizzati f'oqsma speċifiċi tad-dritt jew b'responsabbiltà għal ħidma ta' kollegament internazzjonali – b'mod partikolari l-Kap ġudizzjarju tad-Dritt Internazzjonali tal-Familja (Head of International Family Law) u l-Kap Anzjan (Senior Master) li huwa l-imħallef responsabbli għar-Regolamenti dwar in-Notifika u l-Kumpilazzjoni tax-Xhieda.

Il-membri estiżi kollha tan-Network u n-network informali ta' bejn il-Ministeri jistgħu jiġu kkuntattjati permezz tal-posta elettronika. Dawk fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice) u s-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha (Her Majesty's Courts and Tribunals Service) għandhom aċċess għal intranet li jista' jintuża biex ixerrdu informazzjoni tan-Network u l-imħallfin jistgħu jkunu kkuntattjati bil-posta elettronika wkoll. Informazzjoni dwar in-Network ingħatat ukoll fuq l-Intranet Ġudizzjarju (Judicial Intranet) għall-Ingilterra u Wales.

Il-punt ta' kuntatt jiżgura li l-esperti tal-politika, dawk amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti jiġu kkonsultati qabel il-laqgħat rilevanti tan-Network u li n-noti tal-laqgħat u l-punti ta' azzjoni rilevanti jiġu mxerrdin kif xieraq.

Il-punt ta' kuntatt jattendi l-Kumitat dwar id-Dritt Internazzjonali tal-Familja (International Family Law Committee) li huwa magħmul minn imħallfin anzjani tal-familja, avukati, akkademiċi u l-awtoritajiet ċentrali rilevanti għall-Ingilterra u Wales. Dan jiltaqa' kull tliet xhur u, fost materji oħrajn, jaqsa informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni reċenti tal-UE u l-attivitatijiet tan-Network. Huwa attenda wkoll xi laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv tal-Lord Chancellor (Lord Chancellor's Advisory Committee) dwar id-Dritt Internazzjonali Privat. Dan il-Kumitat huwa magħmul minn imħallfin anzjani u minn akkademiċi u jagħti pariri lill-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice) dwar il-proposti tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili.

Il-punt ta' kuntatt għandu wkoll kuntatt regolari kemm mal-Kamra tal-Avukati (Bar Council) u mal-Għaqda tal-Liġi (Law Society) tal-Ingilterra u Wales, il-korpi li jirrapreżentaw rispettivament lill-avukati (barristers) u lill-konsulenti legali (solicitors), kif ukoll mar-rappreżentant tar-Renju Unit tan-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net) li huwa responsabbli għall-ġurisdizzjonijiet kollha tar-Renju Unit. Saru laqgħat preċedenti wkoll mal-kuntatti ta' UK SOLVIT.

L-għoti ta' informazzjoni

Ma jeżisti ebda sit web nazzjonali għan-NĠE fl-Ingilterra u Wales. L-informazzjoni tingħata permezz ta' siti eżistenti oħrajn, fosthom, kif imsemmi aktar 'il fuq, l-Intranet Ġudizzjarju (Judicial Intranet). Il-punt ta' kuntatt haċem ma' oħrajn, madankollu, meta ta sorsi ta' informazzjoni differenti, inkluż fis-sit tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha (Her Majesty's Courts and Tribunals Service), gwida liċ-ċittadini dwar kif jagħmlu talbiet transfruntiera jew jirrispondu għalihom, b'mod partikolari b'rabta mar-Regolamenti dwar l-Ordni Ewropew ta' Infurzar, l-Ordni ta' Ħlas Ewropea u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Haċem ukoll mal-ECC-Net fir-Renju Unit li pproduċa gwida għar-Regolament dwar il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Jittieħdu opportunitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar in-NĠE u l-paġni tal-Portal tal-e-Ġustizzja f'laqgħat u konferenzi xierqa u f'pubblikazzjonijiet rilevanti.

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - L-Irlanda ta' fuq

Punti ta' Kuntatt

Hemm punt ta' kuntatt wieħed għal kull waħda mill-erba' ġurisdizzjonijiet legali tar-Renju Unit. Billi kull ġurisdizzjoni hija separata, ma hemm l-ebda trikkib fix-xogħol ta' dawn il-punti ta' kuntatt, li kull wieħed minnhom għandu responsabbiltà unika għan-Netzwerk fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-mistoqsijiet li jsiru permezz tan-NĠE għandhom jintbagħtu lill-punt ta' kuntatt rilevanti għall-ġurisdizzjoni kkonċernata.

Il-punt ta' kuntatt jaħdem fi ħdan id-Dipartiment tal-Ġustizzja (Department for Justice) tal-Irlanda ta' Fuq. Il-punt ta' kuntatt ma jaħdimx full-time fuq kwistjonijiet tan-Netzwerk, iżda jista' jitleb l-għajjnuna ta' għadd ta' kollegi operattivi u ta' politika meta jittratta x-xogħol tan-Netzwerk. Ix-xogħol tan-Netzwerk huwa kkombinat ma' għadd ta' kompiti oħra.

Il-funzjonament tan-NĠE fl-Irlanda ta' Fuq

Ma jeżisti ebda netwerk nazzjonali formali fl-Irlanda ta' Fuq. Madankollu, fi ħdan id-Dipartiment tal-Ġustizzja (Department for Justice), ġie żviluppat netwerk ta' persuni li huma esperti f'oqsma ta' politika partikolari. Il-punt ta' kuntatt għandu wkoll għadd ta' kuntatti stabbiliti f'Dipartimenti rilevanti oħra li lilhom jistgħu jiġu indirizzati mistoqsijiet li jaqgħu barra mill-mandat tad-Dipartiment tal-punt ta' kuntatt. Billi l-Irlanda ta' Fuq hija ġurisdizzjoni żgħira, il-punt ta' kuntatt għandu netwerk stabbilit sewwa ta' kuntatti interni li jistgħu jassistu fil-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet u t-talbiet għall-informazzjoni li jirċievi.

L-aktar mezz effettiv biex jitwasslu t-talbiet u l-informazzjoni huwa permezz tal-posta elettronika. Dan jippermetti li jintbagħtu messaġġi, b'mod partikolari lill-kuntatti esterni, malajr u b'mod sfiħ, u b'hekk jiġi żgurat li l-persunal rilevanti jkollu l-informazzjoni neċessarja biex tgħinu jwieġeb il-mistoqsijiet.

Il-punt ta' kuntatt jiżgura li jiġu kkonsultati l-esperti politiċi, amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti meta jaslu l-mistoqsijiet u qabel il-laqgħat rilevanti tan-Netzwerk. In-noti tal-laqgħat u l-punti ta' azzjoni rilevanti jiġu disseminati kif xieraq.

L-għoti ta' informazzjoni

Ma jeżistix sit web nazzjonali għan-NĠE fl-Irlanda ta' Fuq. L-informazzjoni tingħata permezz ta' siti eżistenti oħra. Qed issir dejjem aktar referenza għall-portal tal-e-Ġustizzja. Il-punt ta' kuntatt ħadem ma' oħrajn, li jipprovdu sorsi ta' informazzjoni, inkluż is-[Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq](#) (Northern Ireland Courts and Tribunals Service), billi s-sit web pubbliku tiegħu jinkludi informazzjoni relatata mal-ħidma tan-Netzwerk, pereżempju, informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin, il-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u l-proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea, eċċ. Is-sit web tal-[Gvern tal-Irlanda ta' Fuq](#) jinkludi wkoll informazzjoni dwar il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

Jittieħdu opportunitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar in-NĠE u l-paġni tal-portal tal-e-Ġustizzja f'laqgħat u konferenzi xierqa u f'pubblikazzjonijiet rilevanti.

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Dwar in-Networks - Skozja

Il-Punti ta' Kuntatt

Hemm punt ta' kuntatt wieħed għal kull waħda mill-erba' ġurisdizzjonijiet legali tar-Renju Unit. Billi kull ġurisdizzjoni hija separata, ma hemm l-ebda trikkib bejn il-ħidma ta' dawn il-punti ta' kuntatt, li kull wieħed minnhom għandu responsabbiltà unika għan-Netzwerk fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Il-mistoqsijiet li jsiru permezz tan-NĠE għandhom jintbagħtu lill-punt ta' kuntatt rilevanti għall-ġurisdizzjoni kkonċernata.

Il-punt ta' kuntatt għall-Iskozja jaħdem fl-uffiċċju tal-UE tal-Gvern Skoċċiż fi Brussell. Dan jista' jirreferi għal għadd ta' kollegi meta jittratta xogħol tan-Netzwerk. Ix-xogħol tan-Netzwerk huwa kkombinat ma' kompiti oħrajn.

Il-funzjonament tal-NĠE fl-Iskozja

Ma jeżisti ebda netwerk nazzjonali formali fl-Iskozja. Madankollu, fi ħdan id-Direttorat tal-Ġustizzja (Justice Directorate), ġie żviluppat netwerk ta' persuni li huma esperti f'oqsma ta' politika partikolari. Il-punt ta' kuntatt jista' jirreferi għal dawn il-kollegi għal twegħibiet għal mistoqsijiet speċifiċi.

Kuntatti ġew żviluppati wkoll f'partijiet oħrajn fil-Gvern Skoċċiż. Il-punt ta' kuntatt jirreferi għal dawn l-individwi għal pariri jew twegħibiet għal mistoqsijiet relatati max-xogħol tagħhom. Il-punt ta' kuntatt jaħdem ukoll ma' oħrajn minbarra l-gvern, meta jkun rilevanti. Eżempji jinkludu l-Għaqda tal-Liġi tal-Iskozja (Law Society of Scotland) u l-Fakultà tal-Avukati (Faculty of Advocates), il-korpi professjonali li jirrappreżentaw rispettivament lill-konsulenti legali (solicitors) u lill-avukati. Il-punt ta' kuntatt stabbilixxa wkoll konnessjonijiet mal-korp rappreżentattiv tal-uffiċjali ta' eżekuzzjoni, l-Għaqda tal-Uffiċjali Ġudizzjarji u l-Uffiċjali tax-Xeriff (Society of Messengers at Arms and Sheriff Officers – SMASO).

L-aktar mod komuni li bih wieħed jista' jaċċessa u jiskambja l-informazzjoni huwa bil-posta elettronika. Il-punt ta' kuntatt attenda wkoll laqgħat fiżikament.

Il-punt ta' kuntatt jiżgura li jiġu kkonsultati l-esperti politiċi, dawk amministrattivi jew esperti oħrajn qabel il-laqgħat rilevanti tan-Netzwerk. In-noti tal-laqgħat u l-punti ta' azzjoni rilevanti jiġu disseminati kif xieraq.

L-għoti ta' informazzjoni

Ma jeżisti ebda sit web nazzjonali għall-NĠE fl-Iskozja. L-informazzjoni tingħata permezz ta' siti eżistenti oħra. Qed issir dejjem aktar referenza għall-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja. Il-punt ta' kuntatt ħadem ma' oħrajn li jipprovdu sorsi ta' informazzjoni, inkluż is-[sit tal-SCTS](#) jipprovdi gwida liċ-ċittadini dwar it-talbiet transfruntiera, b'mod partikolari dawk relatati mar-Regolamenti dwar l-Ordni Ewropew ta' Infurzar, l-Ordni ta' Ħlas Ewropea u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Jittieħdu opportunitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar l-NĠE u l-paġni tal-Portal tal-e-Ġustizzja f'laqgħat u konferenzi xierqa u f'pubblikazzjonijiet rilevanti.

L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.